# BIEX NASLU FLIMKIEN

Ktieb tar-Reliġjon tar-Raba` Sena tal-Primarja



# BIEX NASLU FLIMKIEN



Ktieb tar-Reliġjon tar-Raba` Sena tal-Primarja



## BIEX NASLU FLIMKIEN

Ktieb tar-Reliġion  tar-Raba` Sena tal-Primarja
Ktieb ta' għajnuna għat-tagħlim tar Reliġion  fir-Raba` Sena tal-Primarja.

Pubblikazzjoni tas-Segretarjat għall-Katakeżi tal-Arċidjoċesi ta' Malta 2016.
Xogħol ikkummissjonat mill-Kummissjoni Kateketika Nazzjonali
2016 Segretarjat għall-Katekeżi Malta.

Dan il-ktieb qed jinbiegħ bil-kundizzjoni li ma jistax jinsilef, jerġa' jinbiegħ b'xejn f'xi għamla oħra jew legatura ħlief kif inhu ppubblikat. Ma jista' jsir ebda tibdil. Ebda silta minnu ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa f'mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku jew b'xi mod ieħor, mingħajr il-permess bil-miktub tas-Segretarjat għall-Katekeżi.

**Kitba tat-test: Maria Azzopardi - Elaine Smith - Diane Fenech - John Zerafa - Rebecca Farrugia - Nathalie Gafa'- Daphne Debono - Paul Rapa - Mansy Cutajar**

Ħajr lill-Membri tal-Bord għat-Tagħlim tar-Reliġjon fi ħdan is-Segretarjat għall-Katekeżi, is-Segretarjat għall-Edukazzjoni fi ħdan l-Arċidjoċesi ta' Malta, lill-Uffiċjali tal-Edukazzjoni Reliġjuża fi ħdan id-Direttorat għall-IStandards u l-Kwalità fl-Edukazzjoni: **Ms Antoinette Laferla** u **Ms Kathleen Bonello,** lil **Rev. Dr. Carl Mario Sultana, Rev. Prof. Hector Scerri, Rev. Dr. Renè Camilleri** għall-pariri esperti tagħhom.

**Kordinament tax-xogħol: Rev. Dr. Carl Mario Sultana u Ms Mansy Cutajar**

**Qari tal-provi: Mr Robbie Mamo**

**Disinn ta' Keith Pavia**

M'hemmx diffikulta` li dan il-ktieb ikun ippubblikat (Nihil Obstat)
22 t'Awwissu 2016
Dun Hector Scerri (teologu)

Dan il-ktieb jista' jiġi stampat (Imprimatur)
+ Charles J. Scicluna
Arċisqof ta' Malta.
President tal-Konferenza Episkopali ta' Malta.
24 t'Awwissu 2016
Mogħtija mill-Kurja Arċiveskovili Furjana

Stampat Velprint

ISBN 978-99957-839-8-3



# BIEX NASLU FLIMKIEN

Jista' jkun li aħna naħsbu li t-Tagħlim tar-Reliġjon fl-iskola qiegħed hemm biex ngħaddu biss mill-eżami wara li nkunu studjajna xi affarijiet dwar Alla bl-amment. Imma żgur li aħna ma nitgħallmux ir-Reliġjon fil-klassi għal dan il-għan biss. Kieku kien hekk, konna nużaw dan il-ħin biex nitgħallmu affarijiet oħra. Dan it-tagħlim irid iservina biex bl-għarfien u bl-esperjenzi li niksbu flimkien, inkunu nistgħu napprezzaw lilna nfusna u nsiru aħjar. Fl-istess waqt inkunu ta' għajnuna biex flimkien inħobbu lil Alla u ngħixu fil-paċi bid-differenzi kollha tagħna.

L-isem ta' dan ir-raba' ktieb – Biex Naslu Flimkien – juri dan b'mod ċar li aħna lkoll ġejjin minn ambjenti differenti u allura ngħaddu minn esperjenzi differenti. Dawn l-esperjenzi huma kollha sbieħ u tajbin. Jekk nagħrfu ngħixuhom sew, iservuna biex nikbru aħna u nsebbħu l-ambjenti li nkunu fihom. Jgħinuna biex l-ewwel u qabel kollox nikbru bħala persuni. L-esperjenzi tal-oħrajn, speċjalment tal-ħbieb tagħna, u ta' dawk li huma qrib tagħna huma importanti wkoll. Dawn wkoll jgħinuna nikbru u nagħrfu dak li hu sabiħ u tajjeb f'ħaddieħor. Dawn l-esperjenzi nistgħu inqabbluhom ma' kejk li jkun fih ħafna ingredjenti, imma li kollha huma importanti biex il-kejk ikun tajjeb. Fil-ħajja tagħna aħna qatt ma nistgħu nkunu bħal gżira li tkun maqtugħa minn kollox u minn kulħadd.

Biex inkunu nistgħu ngħixu flimkien mhux biss irridu naċċettaw lil xulxin, imma għandna bżonn ukoll li nżommu l-qies f'dak kollu li nagħmlu u f'dak kollu li ngħidu. Meta nweġġgħu lil xi ħadd inkunu kapaċi nitolbu skuża. Dan jgħinna biex ngħixu fis-sliem ma' dawk kollha li niltaqgħu magħhom. Imma dan mhux faċli, u waħidna żgur li ma naslux. Biex naslu rridu l-għajnuna tal-oħrajn u tal-Ispirtu s-Santu li lest li jgħinna kemm -il darba aħna nitolbuh jagħmel dan.

Rev. Dr. Carl Mario Sultana

......... **Dan it-tagħlim irid iservina biex bl-għarfien u bl-esperjenzi li niksbu flimkien, inkunu nistgħu napprezzaw lilna nfusna u nsiru aħjar.**

# WERREJ


**1. Il-pjaċir ta' flimkien**
1.1 Il-vaganzi għaddew malajr!............ 1
1.2 L-esperjenzi kollha huma rigali!....... 3
1.3 M'iniex gżira........................................ 5
1.4 Differenti imma ħbieb...................... 7
1.5 Il-Bibbja tgħinni ngħix tajjeb............ 9
1.6 L-Ispirtu s-Santu jgħinna tassew!...... 11
1.7 Naqsam miegħek dak li għandi..... 13
1.8 Taqta' qalbek qatt ........................ 15

**2. Ejja nsiru aħjar**
2.1 L-ewwel komunita`........................... 19
2.2 Tlaqna lejn l-iskola u fil-għaxija ....... 21
2.3 Agħtini daqqa t'id, trid? ................. 23
2.4 Tiswa mitqlu deheb! ...................... 25
2.5 Nazaret, il-villaġġ ta' Ġesu`............. 27
2.6 X'nara mill-mera? .......................... 29
2.7 Alla għandu pjan għalik! ................ 31
2.8 Nikbru fil-grazzja ............................. 33

**3. Aħna magħquda flimkien**
3.1 Aħna familja ..................................... 37
3.2 Maltin, imma differenti .................... 39
3.3 L-imħabba tiegħu bla qies ............. 41
3.4 Jien niltaqa' miegħu wkoll .............. 43
3.5 Il-Kotba Mqaddsa ........................... 45
3.6 Aħna lkoll tajbin ............................... 47
3.7 L-Appostlu ....................................... 49
3.8 Mara b'qalb kbira ........................... 51

**4. Ħarsu ftit 'l hemm**
4.1 Il-faqar x'ikun? ................................ 55
4.2 Ġesu` twieled fil-faqar ................... 57
4.3 Kemm iġib ferħ il-Milied! ................. 59
4.4 Il-ġrajja li biddlitilna ħajjitna! ........... 61
4.5 Konna ferħanin tassew ................... 63
4.6 Il-fqir u s-sinjur marru tajjeb flimkien 65
4.7 Ma nitkabbrux ................................. 67
4.8 Ejja ħa ngħinek ................................ 69

**5. Ngħix ma' kulħadd**
5.1 Int u jien għandna bżonnijiet differenti ......................................... 73
5.2 Min hu twil u min hu iqsar .............. 75
5.3 Tajjeb li niftaħ qalbi ......................... 77
5.4 Nagħmel dejjem il-ġid ................... 79
5.5 Kif trid lilek trid lil ta' madwarek! .... 81
5.6 Ħobb lil kulħadd ............................ 83
5.7 Naċċetta parir ................................ 85
5.8 Nilqa' lil kulħadd ............................ 87

**6. Min jifforma l-katina ta' ħajjitna**
6.1 Il-ħbiberija vera ............................. 91
6.2 Ġesu` ħabib ta' veru ...................... 93
6.3 Il-ħbieb tamparek .......................... 95
6.4 Fil-ġenna tal-art ............................ 97
6.5 Stajt għamiltha dik! ........................ 99
6.6 Tgħid xejn fuqi! .............................. 101
6.7 Biex il-katina tkun b'saħħitha .......... 103
6.8 Ġesu`, jien u l-ambjent tiegħi ......... 105

**7. Bil-kuraġġ inħarsu 'l quddiem**
7.1 Ara titlax! ....................................... 109
7.2 Sfida li ngħixu ta' Nsara ta' veru..... 111
7.3 Il-Magħmudija ta' Ġesu` u l-Magħmudija tagħna ..................... 113
7.4 Għandek valuri? ............................ 115
7.5 Mhux kliem imma fatti! .................. 117
7.6 Jekk għedt is-sewwa għaliex issawwatni ......................................... 119
7.7 Ftit baqa' u tasal!........................... 121
7.8 Mgħallem! ..................................... 123

**8. Kulħadd għandu postu**
8.1 Ngħannulek għanja ....................... 127
8.2 Hu għadu jmexxina ....................... 129
8.3 It-tmexxija tal-Knisja ...................... 131
8.4 Il-Knisja u l-ħajja tagħna ................ 133
8.5 X'nistgħu nagħmlu għall-Knisja ...... 135
8.6 X'jiswa jekk ma nħobbux? .............. 137
8.7 San Stiefnu jgħallimna nħobbu ...... 139
8.8 Il-ħajja tajba tagħna ...................... 141

**9. Il-familja kbira tiegħi**
9.1 L-imġiba tajba tiegħi ...................... 145
9.2 Għandi. M'għandix ......................... 147
9.3 Bħal dawk irrid inkun ..................... 149
9.4 Organizazzjonijiet ta' għajnuna ..... 151
9.5 Il-parabboli ta' żmienna ................ 153
9.6 M'għamel xejn b'dak li kellu .......... 155
9.7 L-għemejjel tal-ħniena li jolqtu l-ġisem ......................................... 157
9.8 L-għemejjel tal-ħniena li jolqtu r-ruħ 159

# 1 IL-PJAĊIR TA' FLIMKIEN



# 1.1 Il-vaganzi għaddew malajr!

**Kemm għaddejna minn affarijiet matul is-sajf! L-esperjenzi li ngħaddu minnhom jimlew il-ħajja tagħna. U jekk inkunu bil-għaqal, permezz tagħhom, jirnexxilna nsiru aħjar.**

## Attivita` 1

**Ħares lejn din l-istampa u ddiskutiha ma' sħabek. X'esperjenza taħseb li qegħdin ikollhom dawn it-tfal?**



## Attivita` 2

Ġesu` jridna nieħdu pjaċir. Iridna nirrispettaw u nikkollaboraw ma' xulxin biex il-ħajja tkun dejjem sabiħa.




1. nipprova nifhem lil sħabi. 1. ____________________

2. ____________________ 2. ____________________

## Attivita` 3 Niddiskutu u nitolbu



Tkellem dwar l-esperjenza tiegħek ma' sħabek fil-klassi.

Grazzi Mulej ____________________

għaliex ____________________

____________________

# 1.2 L-esperjenzi kollha huma rigali!

**L-esperjenzi fil-ħajja huma kollha rigali. Hemm l-esperjenzi li huma sbieħ u hemm oħrajn inqas sbieħ, imma kollha għandna bżonnhom għax kollha jgħinuna nsiru aħjar.**

**Attivita` 1**

**Aqra din l-istorja.**



**Nathan, tifel ta' tmien snin, flimkien mal-familja tiegħu mar joqgħod f'raħal ieħor. Kien is-sajf u sab ruħu waħdu u bla ħbieb. Kellu xewqa kbira li jsib ma' min jilgħab . Waqt li kien waħdu ftakar kemm–il darba kien jissuppervja u jtellef logħba għax ma kienx ikun irid iċedi! Beda jiddispjaċih ta' dan. Darba, Jamie, tifel li kien joqgħod ħdejh mar għalih u stiednu biex imur miegħu. Nathan kien fis-seba' sema. Żgur li kien ħa jġib ruħu aħjar din id-darba!**



**Iddiskuti:**

a) **X'turik din l-esperjenza?**

b) **Kif taħseb li Nathan kien qed iħares lejn din l-esperjenza?**

ċ) **Kif jistgħu n-nies ta' madwarna jikkollaboraw biex aħna nħossuna aħjar?**

## Attivita` 2

Imla l-vojt madwar il-kelma "Kollaborazzjoni" bi kwalitajiet li jrid ikollna ħalli aħna ngħinu lilna nfusna u lill-oħrajn. Waħda minnhom hija lesta.




## Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Mhux dejjem infaħħru lil Alla u nirringrazzjawh ta' dawk il-persuni li jdawru l-ħajja tagħna.

Sinjur Ġesu`, kemm ninsabu kuntenti

________________________________

________________________________

# 1.3 M'iniex gżira

Jien ngħix ma' nies u dawn jisimgħuni u jgħinuni. B'hekk, flimkien magħhom, nikber u nsir persuna aħjar. Mhux il-persuni kollha jgħinuni bl-istess mod. Hemm min jagħtini parir tajjeb u hemm min jagħtini eżempju tajjeb li jiswa ħafna iktar mill-kliem.

Attivita` 1 Iddiskuti u għaqqad.

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Irrid nittollera u nirrispetta | li nemmen jien, għandi nirrispettah u napprezzah xorta waħda. |
| 2 | Min jemmen differenti minn dak | lil kulħadd, hu x'inhu t-twemmin tiegħu. |
| 3 | Nittollera tfisser li jiena | nieħu l-pariri li jagħtuna nies li jħobbuni. |
| 4 | Biex nikber tassew irrid | nħalli lil kulħadd juri dak li jħoss. |

## Attivita` 2

Mhux kulħadd jaqbel miegħi jew jemmen dak li nemmen jien.



| F'dan naqblu |
|---|
| 1 ______________________ |
| ______________________ |
| 2 ______________________ |
| ______________________ |



## Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Jake kien jiġġieled spiss man-nanniet. Huma kienu dejjem ikunu lesti biex jgħannquh u jiddiskutu miegħu fejn ikun żbalja.

Kwalità sabiħa tan-nanniet kienet li

______________________

Sinjur Ġesu`, grazzi ta'

______________________

# 1.4 Differenti imma ħbieb

**Għandi nies qrib tiegħi li magħhom naqsam il-ħajja tiegħi. Irridu naħdmu flimkien biex inkunu ferħanin. Biex nagħmlu dan irridu nitgħallmu napprezzaw it-tajjeb ta' xulxin u nċedu ħafna.**

**Attivita` 1**

**Immarka fejn taqbel u fejn ma taqbilx.**



| | | Naqbel | Ma naqbilx |
|---|---|---|---|
| 1 | Kulħadd għandu t-tajjeb tiegħu. | ✓ | |
| 2 | Madwarna nsibu min ifixkilna milli ngħixu sew. | | |
| 3 | Min iħobbna tassew jgħinna nagħmlu li rridu. | | |
| 4 | Ġesu` jurina kif inħobbu tassew. | | |
| 5 | Mhux sew li rridu nagħmlu dak li jgħidilna min jieħu ħsiebna. | | |

## Attivita` 2

Iddiskuti u ikteb fejn hemm stilla.

**1. tolleranza • 2. għaqda • 3. rispett**



Il-qanpiena ċemplet għall-brejk u l-għalliema baqgħet tispjega għal ftit minuti somma li Mark kien għadu ma fehemx.



Aħmud, tifel Għarbi, qal li hu jmur jitlob fil-Moskea u aħna spjegajnielu li l-post fejn nitolbu aħna l-Insara huwa l-knisja.

1



Il-grupp tal-futbol kellu jidħol f'daqqa għal-logħba. Stennejna lil Manuel li kien għadu ma wasalx.

## Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



San Ġwann Bosco jgħallimna li biex ngħixu kuntenti rridu ______________________

Sinjur Ġesu`, mhux dejjem ________________

______________________________________

# 1.5 Il-Bibbja tgħinni ngħix tajjeb

**Id-dar għandna r-regoli ta' kif ngħixu biex inkunu magħuqdin u ferħanin. Fl-iskola wkoll għandna x'jiggwidana biex nitgħallmu u nimxu 'l quddiem. Alla wkoll tana l-gwida li hija l-Bibbja li permezz tagħha nitgħallmu kif ngħixu fil-paċi m'Alla u bejnietna.**

**Attivita` 1** Imla l-vojt bil-kelma t-tajba.

**Ġdid • Bibbja • Qadim • Santu • Evanġelisti • Alla**

Il-______________________ turina l-Istorja tas-Salvazzjoni. Hi maqsuma fit-Testment il-______________________ u fit-Testment il-______________________. Fit-Testment il-Ġdid hemm il-Vanġelu li nkiteb minn erba' persuni li jissejħu ______________________. Dawn kienu mgħejjuna biex jiktbu dak li riedhom ______________ bil-għajnuna tal-Ispirtu s-______________



## Attivita` 2

Iddiskuti u għaqqad l-Evanġelisti mas-simboli tagħhom.

San Mattew • San Luqa • San Ġwann • San Mark



baqra



iljun



ajkla



anġlu

San Luqa ____________ ____________ ____________ ____________

## Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



L-Evanġelisti qabel ma bdew jiktbu l-Vanġelu, staqsew u talbu. Fil-bidu ta' kull ħaġa rridu nagħmlu l-istess.

Grazzi Mulej, talli ______________________________

# 1.6 L-Ispirtu s-Santu jgħinna tassew!

**Wara li miet Ġesu`, l-appostli nġabru flimkien bħala komunità biex jitolbu. Ħassew il-bżonn li jagħmlu l-kuraġġ lil xulxin għax vera kienu qed jibżgħu, issa li Ġesu` ma kienx għadu magħhom. Imma Ġesu` ma kienx ser iħallihom weħidhom. Hu bagħtilhom l-Ispirtu s-Santu.**

**Attivita` 1** Kompli l-istorja ta' din il-ġrajja.

1. L-appostli kienu miġburin f'post wieħed.

2. Kienu mbeżżgħin ______________________.

3. F'daqqa waħda semgħu ħoss ta' riħ qawwi.

4. Fuq rashom ______________________ u huma mtlew bil-kuraġġ.

5. Huma ħarġu jippritkaw ______________________.

## Attivita` 2

Iddiskuti u ikteb żewġ ismijiet ta' appostli.



____________________

____________________

**Immarka kif setgħu ħassewhom dawn iż-żewġ Appostli.**

| | |
|---|---|
| ☐ ferħanin | kuraġġużi ☐ |
| ☐ inkwetati | imħawdin ☐ |

## Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Il-kuraġġ veru jgħinna nagħmlu affarijiet kbar.

Ġesu`, grazzi talli f'Għid il-Ħamsin bgħatt

________________________________.

# 1.7 Naqsam miegħek dak li għandi

**Il-kwalitajiet li għandna jridu jgħinu lin-nies biex huma wkoll ikunu iktar magħqudin ma' xulxin. Meta nirrispettaw lil ħaddieħor u meta nkunu onesti nagħtu eżempju ta' kif nistgħu nwasslu t-tagħlim ta' Ġesu` kull fejn inkunu.**

Attivita` 1

**X'nistgħu nagħmlu biex in-nies ikunu aktar magħqudin? Imla madwar l-idejn.**



Aqra, iddiskuti u kompli s-sentenzi.

Attivita` 2

Fil-klassi tar-Raba' Sena ġew żewġt itfal ġodda. L-għalliem poġġiehom fejn Kurt. It-tfal l-oħrajn donnhom ma tawx kas, imma Kurt beda jitkellem magħhom. Hu kellimhom dwar Malta. Huma ġabulu xi ritratti dwar l-Ungerija u l-Etjopja. Kurt talab permess mingħand l-għalliem biex jagħmel preżentazzjoni flimkien ma' Yuri u Khaled. L-għalliem aċċetta minnufih. Kurt, Yuri u Khaled ħadmu flimkien u għamlu preżentazzjoni dwar it-tliet pajjiżi. X'ħin lestew, il-klassi kollha qaltilhom: Prosit!

a) Ma' nies li ġejjin minn pajjiżi differenti, aħna rridu

______________________________________________

b) Kurt, Yuri u Khaled kien jistħoqqilhom tifħir għax

______________________________________________

ċ) Naħseb li wara dan kollu, il-kumplament tal-klassi ħassewhom

______________________________________________

Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Ġesu` jħares lejn il-qalb tal-persuna.
Irridu naħdmu biex ikollna qalbna tajba.

Sinjur Ġesu` għinni biex

______________________________

# 1.8 Taqta' qalbek qatt

**Xi kultant meta ma nkunux nistgħu nifhmu xi ħaġa, jew ħbiebna jiġġieldu magħna, inħossuna ħa naqtgħu qalbna u jkollna bżonn l-għajnuna. Il-kuraġġ jgħinna nkomplu mexjin fil-ħajja tagħna.**



Attivita` 1

Iddiskuti u wieġeb.



L-Ewwel Sitwazzjoni

Ġanni hu anzjan li jgħix waħdu. Ma tantx jista' joħroġ barra. Mark iħabbatlu l-bieb u jitlaq jiġri 'l hemm. Jamie jmur jixtrilu u xi kultant jieħu gost jaqsam miegħu xi ħelu li tkun għamlet ommu.

Min kellu bżonn l-għajnuna?

______________________________

Min ta l-għajnuna?____________________

Għandna nkunu bħal ________________

biex ___________________________

Semmi kwalità sabiħa li kellu Jamie.

______________________________

Attivita` 2

## Iddiskuti u wieġeb.

**It-Tieni Sitwazzjoni**

Rashid hu tifel li wasal mill-Pakistan. Rashid ma kellux ħbieb. Abigail għamlet il-kuraġġ u ddeċidiet li tkellmu u toqgħod miegħu fil-brejk. Rashid u Abigail tgħallmu ħafna mingħand xulxin u saru ħbieb kbar.



Min kellu bżonn l-għajnuna?

______________________________

Min ta l-għajnuna?

______________________________

Għandna nkunu bħal ____________________

biex ______________________________

Xi kwalità tispikka f'Abigail?

______________________________

Attivita` 3

## Niddiskutu u nitolbu



Min huma l-missjunarji? Żgur li huma dawk li jgħinu mill-qalb. Aħna rridu nkunu missjunarji wkoll.

Sinjur Ġesu`, għinni nkun ____________

______________________________

# 2 EJJA NSIRU AĦJAR



# 2.1 L-ewwel komunita`

**Alla ried li kulħadd iħossu speċjali u maħbub. Għalhekk, tana l-ewwel komunità li hija dik tal-familja jew ta' dawk li jieħdu ħsiebna. Ġesu` wkoll kellu l-familja tiegħu u kien iħossu tajjeb. Meta xi ħadd jurina li jħobbna nħossuna tassew ferħanin u napprezzaw is-sabiħ ta' madwarna.**

## Attivita` 1

**Iddiskuti x'inhi komunita` u pinġi dawk l-affarijiet li jmorru magħha.**

| | | |
|---|---|---|
| ferħ | għajnuna | egoiżmu |
| solidarjetà | onestà | sagrifiċċju |
| suppervja | ftehim | għaqda |



## Attivita` 2

Ħares lejn din l-istampa. Iddiskuti l-mistoqsijiet u imla l-vojt.



Din hija l-ewwel komunità li nkunu fiha. In-nies fl-istampa huma ______________ minn familja.

1. Fil-familja jrid ikun hemm ______________.
2. L-aktar parti importanti tal-istampi hija ______________.
3. Il-qalb turi ______________.
4. Fil-familja, aħna nagħtu ______________.

## Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Meta niftakar f'dak kollu li nirċievi mingħand dawk li jieħdu ħsiebi, lil Alla għandi nirringrazzjah tassew.

Sinjur Alla, grazzi ______________

______________

# 2.2 Tlaqna lejn l-iskola u filgħaxija.......

**Kultant lanqas nindunaw kemm aħna ffortunati li filgħodu nqumu, inroddu s-salib u nafu li f'xi ħin ħa mmorru nitgħallmu. Immorru l-iskola, immorru f'xi għaqda reliġjuża u f'xi waħda sportiva! Dawn huma komunitajiet fejn aħna niltaqgħu biex kbar u żgħar, nikbru f'persuni aħjar.**

**Attivita` 1**

**X'jagħmel il-komunità tal-iskola, waħda ta' għaqda, rispett u ferħ? Iddiskuti li ġej u pinġi fejn taħseb li hu tajjeb.**



**Attivita` 2** Iddiskuti u imla l-vojt b'dawn il-kelmiet.

**sinagoga • Alla • Knisja • reliġjużi • Ġesu`**

Fost ħafna għaqdiet li nattendu wara l-ħin tal-iskola għandna dawk ______________ fejn insiru nafu aktar dwar ______________ u kif irridu ngħixu ta' Nsara tajbin. Dawn l-għaqdiet huma parti mill- ______________ għax il-Knisja, permezz ta' dawn l-għaqdiet, tgħinna nersqu aktar lejn ______________ u lejn xulxin. Ġesu` wkoll kien imur fis-______________________ biex jitgħallem u jkun ukoll ma' sħabu.



**Attivita` 3** Niddiskutu u nitolbu



Iddiskuti l-għaqdiet li tattendi. Ara fejn l-aktar li qed tieħu gost u qed tħossok qed issir aktar persuna responsabbli.

Sinjur Alla, kemm inħossni

__________________________________________

__________________________________________

# 2.3 Agħtini daqqa t'id, trid?

**Meta nitgħallmu, niskopru aktar lilna nfusna, nitgħallmu naħsbu, nesperimentaw u bi ftit għajnuna nagħmlu l-għażliet tagħna bl-aktar mod responsabbli. Dan kollu nafuh lil Alla li, għax iħobbna, tana diversi għajnuniet.**

## Attività 1

**Iddiskuti x'għajnuniet qed jieħdu minn dawn il-komunitajiet. Pingi jew waħħal stampa ta' komunità oħra li hija ta' għajnuna għalik.**





## Attivita` 2

Mhux kulħadd jaqbel miegħi jew jemmen dak li nemmen jien.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Fid-dar aħna nitgħallmu | | napprezzaw lil xulxin,allavolja mhux dejjem naqblu. |
| 2 | F'dak li naraw u nesperjenzaw | | lil dawn irridu nirrispettaw il-mod ta' kif jaħsbu u x'jemmnu. |
| 3 | Fl-iskola aħna nitgħallmu | | nitgħallmu kif għandna nħarsu lejn il-ħajja. |
| 4 | Fil-klassi nisimgħu lil kulħadd | 1 | nħobbu u nkunu maħbuba. |
| 5 | Niltaqgħu ma' tfal b'kultura differenti u | | u nieħdu paċenzja b'xulxin. |

## Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Xi kultant, għal kull ħaġa ta' xejn, meta nkunu mal-oħrajn ingergru.

Sinjur Ġesu`, nixtieq ħafna

________________________________________

________________________________________

# 2.4 Tiswa mitqlu deheb!

**Ġesu`,bil-ħajja tiegħu wera kemm jiswa li jkollok min jieħu ħsiebek. Uriena kif għandna nuru apprezzament lejn dak kollu li jsir għalina.**

Attivita` 1

**Hemm ħafna modi kif nuru li nirrispettaw lill-oħrajn. Iddiskuti u mmarka l-kliem addattat.**

**Kieku Ġesu` kien fostna, liema kliem kien jurina li għandna nimmarkaw?**

| | |
|---|---|
| Ngħid 'prosit'. | Ngħid 'grazzi'. |
| Nigdeb. | Inċedi. |
| Naħdem f'tim. | Nagħmel ta' rasi. |
| Nisma' lil ħaddieħor. | Napprezza lil kulħadd. |

## Attivita` 2

Iddiskuti u imla l-vojt b'dawn il-frażijiet.

li qed nieħu pjaċir b'li sar.

~~nisma' u nċedi l-opinjoni tiegħi.~~

kulħadd għandu s-sabiħ tiegħu.

l-iżball tiegħi.



Meta naħdem f'tim jien nitgħallem nisma' u nċedi l-opinjoni tiegħi.

Meta nitlob skuża nammetti ______________________________

Meta ngħid 'prosit' minn qalbi nuri ______________________________

Meta napprezza lil kulħadd nifhem li ______________________________

## Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Ġesu` wkoll kien imur jitgħallem u għandu ħafna x'jgħallimna dwar dan.

Sinjur Ġesu`, nixtieq insir nixbah lilek billi

______________________________

______________________________

# 2.5 Nazaret, il-villaġġ ta' Ġesu`

**Ġesu` kien jgħix fil-komunità tiegħu ta' Nazaret. Hawnhekk kellu ambjent sempliċi qalb nies li kienu beżlin għax-xogħol. Minn ċkunitu wera l-ħeġġa li jitgħallem, li jiskopri l-madwar tiegħu u jgħin kull fejn ikun.**

## Attivita` 1

**Ġesu` kien tifel bħalna minbarra li ma kellux dnub. X'taħseb li kien jagħmel Ġesu` fl-ambjent tiegħu? jagħmel Ġesu` bħala tifel?**



Attivita` 2

Iddiskuti u wara għaqqad mal-kelma t-tajba.





| | | |
|---|---|---|
| 1 | L-iktar post importanti f'Nazaret kienet | ta' qima. |
| 2 | Għal-Lhud is-sinagoga kienet post | ir-Rabbi. |
| 3 | Il-persuna li tieħu ħsieb is-sinagoga kien | il-bankijiet. |
| 4 | Nies importanti fis-sinagoga kienu joqogħdu fuq | is-Sinagoga. |
| 5 | In-nies foqra fis-sinagoga kienu joqogħdu | fl-art. |

Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Ta' kull nhar ta' Sibt, bħal kull familja oħra Lhudija, Ġesu`, Marija u Ġużeppi kienu jmorru s-sinagoga biex jitolbu u jfaħħru 'l Alla. Aħna niltaqgħu m'Alla wkoll fil-knisja.

Sinjur Alla, int tinsab kullimkien imma fil-______________________________

# 2.6 X'nara mill-mera?

**Kull persuna li titwieled ikollha l-identita` tagħha. Din tagħmilna persuni differenti minn xulxin. Tajjeb inkunu nafu x'inhuma dawk l-affarijiet li jagħrfuna minn xulxin. Tgħid hemm xi xebh bejn l-identità tiegħi u dik ta' Ġesu`?**

**Attivita` 1**

**Fil-mera l-vojta waħħal ritratt tiegħek. Taħt il-mera niżżel kwalità li tara fik innifsek u li tagħmlek tixbah lil Ġesu`. Iddiskuti ma' sħabek.**



## Attivita` 2

**Ġesu` tgħallem mill-familja, mis-sinagoga u mill-ambjent ta' madwaru. Int minn fejn titgħallem? Iddiskuti.**



______________________________



______________________________

## Attivita` 3

**Niddiskutu u nitolbu**



**Kemm hawn tfal li jew ma jħobbux jitgħallmu jew m'għandhom 'il ħadd min jgħallimhom!**

**Sinjur Ġesu` jiena nixtieq ____________________**

**u għalhekk nitolbok biex____________________**

______________________________________________

# 2.7 Alla għandu pjan għalik!

**Xi kultant ma jkunx daqshekk faċli niskopru xi jrid Alla minna. Ħafna drabi nħossuna m'aħna tajbin għal xejn minkejja li nippruvaw nagħmlu xi ħaġa.**

Attivita` 1

Wara li tismà l-ħajja ta' Ġużeppi minn Kopertinu, imla l-vojt b'dan il-kliem.

Ġużeppi kien minn ________________, fl-Italja. Ma kienx tajjeb fl-________________ u anke l-________________ tiegħu kienet tmaqdru. Hu beda jemmen li ma kien tajjeb għal xejn. Lanqas jikteb u ________________ ma kien jaf. Meta kiber ipprova jibda jitħarreġ fis-sengħa ____________ imma ma rnexxilux. Meta ried jidħol ________________ m'aċċettawhx. Fl-aħħar daħal ma' xi patrijiet jieħu ħsieb ________________. Hawnhekk iddeċieda li jibdel ħajtu. Beda jistudja u wara ħafna tbatija għadda mill-________________ u sar saċerdot. Kien jgħin ħafna nies u l-kliem tiegħu kien dejjem, 'Taqtax qalbek! Alla għandu pjan għalik!'

familja • Napli • taż-żraben • iskola
saċerdot • jaqra • iż-żwiemel • eżamijiet

Attivita` 2

Iddiskuti fil-klassi l-istorja ta' meta Ġesu` kellu tnax-il sena u ntilef fit-tempju. Ommu u missieru sabuh fit-tempju mal-għorrief. Ikteb żewġ aġġettivi li jiddiskrivu lil Ġesu` u tnejn oħra li jiddiskrivu lill-għorrief fit-tempju. Pinġi wkoll l-istampa.



Ġesu`:

____________________

____________________

L-għorrief:

____________________

____________________

Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Ħafna tfal fid-dinja jaqtgħu qalbhom u jibqgħu lura. Lil dawn irridu ngħinuhom.

Sinjur Ġesu` ______________________________

________________________________________

# 2.8 Nikbru fil-grazzja

**Mhux dejjem faċli tifhem għalfejn tajjeb li titgħallem u tiskopri affarijiet ġodda. Ftit nifhmu li dak li nitgħallmu, jgħinna biex niskopru lilna nfusna, inħobbu lil Alla u lil ta' madwarna.**



## Attivita` 1

**Aqra din is-sentenza fuq Ġesu`.
Iddiskutiha ma' sħabek.**



## Attivita` 2

**Ħares lejn dawn l-istampi u ddiskuti kif b'dawn il-modi nikbru fl-għerf u fil-grazzja.**






## Attivita` 3

**Niddiskutu u nitolbu**



**Irridu bil-verita` ngħinu lil xulxin.**

**Sinjur Ġesu`, agħtini l-grazzja**

______________________________________

______________________________________

# 3 AĦNA MAGĦQUDA FLIMKIEN



# 3.1 Aħna familja

**Kemm nifirħu meta nkunu 'l bogħod minn pajjiżna u nisimgħu lil xi ħadd jitkellem bil-lingwa tagħna! Aħna l-Maltin għandna affarijiet li jgħaqqduna bħala poplu wieħed. Dawn jagħmluna familja waħda kbira li nħobbu u ngħinu lil xulxin.**

## Attivita` 1

**Sib il-kliem li jfakkruna f'Malta u dawk li jagħmluna Maltin u mmarkahom fil-fittiexa.**

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| q | w | e | r | p | t | w | e | m | m | i | n |
| s | t | o | r | j | a | o | l | a | s | d | f |
| h | j | f | e | s | t | i | k | l | b | z | b |
| v | k | u | l | t | u | r | a | b | i | t | a |
| e | għ | a | n | a | q | ħ | ġ | ż | ħ | e | n |
| t | r | a | d | i | z | z | j | o | n | i | d |
| p | u | r | ċ | i | s | s | j | o | n | i | ie |
| m | x | i | o | i | g | għ | o | k | l | j | r |
| o | l | i | n | g | w | a | l | b | a | i | a |
| r | għ | a | s | e | l | n | p | għ | v | q | r |

bandiera
tempji
tradizzjoni
għana
għasel
storja
festi
lingwa
kultura
twemmin
purċissjoni

## Attivita` 2

**Pinġi l-istampa.**



**Fil-festa, aħna niċċelebraw**

______________________________

______________________________

## Attivita` 3

**Niddiskutu u nitolbu**



**Il-festi huma xi ħaġa tagħna l-Maltin u veru huma sbieħ. Meta niċċelebraw il-festa sew nuru li aħna Nsara ta' veru.**

**Sinjur Ġesu`, bil-festi______________________**

______________________________

# 3.2 Maltin, imma differenti

**F'Malta nsibu nies li ġejjin minn postijiet oħra tad-dinja li jġibu magħhom drawwiet u modi ta' ħajja differenti minn tagħna. Ġesu` jridna nħobbuhom u nirrispettawhom.**

**Attivita` 1**

**Iddiskuti kif nistgħu nħobbu lil kulħadd kif irid Ġesu`. Immarka t-tajbin.**

Nirrispetta d-drittijiet tagħhom.

Nitbissmilhom biss.

Naċċetta dak li jemmnu.



Inwarrabhom x'ħin ifettilli.

Nistmahom fil-logħob.

Nisma' dwar id-drawwiet tagħhom.

Attivita` 2

**Meta ġabulu tifel quddiemu Ġesu` qal lill-appostli : "Min jilqa` lil dan, ikun qed jilqa' lili". Agħżel it-tajba.**

1. Ġesu` jrid li aħna (napprezzaw, inwarrbu) lil kulħadd għax (f'kull wieħed, f'xi wħud) għandna naraw lilu.

2. Iċ-ċkejknin huma dawk li (jħossuhom weħidhom, għandhom bżonn xi ħaġa).



Attivita` 3

**Niddiskutu u nitolbu**



Ir-refuġjati huma persuni bl-istess drittijiet bħalna u rridu nħobbuhom.

Ġesu`, ______________________________

______________________________

# 3.3 L-imħabba tiegħu bla qies

**Meta tkun tħobb lil xi ħadd tkun trid tqatta' ħafna ħin titkellem miegħu. Alla jħobbna bla qies. Għalhekk għandna nitkellmu miegħu f'kull ħin tal-ġurnata.**

## Attivita` 1

**Iddiskuti u ikteb.**
**Fil-kaxxi, ikteb x'għandna ngħidu lil Alla biex nuruh li nħobbuh. Pingi l-idejn.**



## Attivita` 2

**Aqta' sing taħt it-tajba.**

1. Għandi nitlob (fil-kwiet, fl-istorbju) biex nisma' lil Alla jkellimni.

2. It-talb irid isir (bl-addoċċ, bil-qalb).

3. (Il-kant, it-tgergir) huwa forma ta' talb.

4. Meta nrodd is-Salib inkun qed (nitlob, inkanta).

5. Biex titlob (m'hemmx bżonn, hemm bżonn) ta' ħafna kliem.



## Attivita` 3

**Niddiskutu u nitolbu**



Ġesu` jgħidilna, "Fejn hemm tnejn jew tlieta miġburin f'ismi, hemm jien inkun f'nofshom."

Ġesu`, għinna nifhmu li meta

______________________________

# 3.4 Jien niltaqa' miegħu wkoll

**Ħafna huma dawk li jħobbu jitolbu. Titlob ifisser li inti, fil-kwiet, titkellem ma' Alla u tgħidlu dak li tixtieq. Kemm il-Lhud, kemm l-Insara, u kif ukoll il-Musulmani jħobbu jitolbu.**

**Attivita` 1**

**Poġġi dan il-kliem fil-kolonna t-tajba:**

1. Evanġelju • 2. Koran • 3. Torah • 4. salib • 5. Mosé
6. Ewkaristija • 7. Moħammed • 8. Stilla ta' David
9. Tapit • 10. Nofs qamar • 11. Kosher • 12. Ġesu`

| Lhud | Insara | Musulmani |
|---|---|---|
| | 1 | |
| | | |
| | | |
| | | |

## Iddiskuti u mmarka IVA jew LE. Attivita` 2

| | IVA | LE |
|---|---|---|
| It-Teffilin kellu siltiet mit-Torah. | ✓ | |
| L-Insara jemmnu li l-Iskrittura Mqaddsa hija mnebbħa mill-Ispirtu s-Santu. | | |
| Waqt li l-Lhud jaslu sal-kitbiet tat-Testment l-Antik, l-Insara għandhom ukoll it-Testment il-Ġdid li fih il-ħajja ta' Ġesu` u t-tagħlim tiegħu. | | |
| Il-Musulmani jitolbu ħames darbiet kuljum. | | |
| It-talba li jgħallimna Ġesu` hija t-talba tal-Missierna. | | |

## Attivita` 3 Niddiskutu u nitolbu



Kulħadd għandu l-mod tiegħu kif jitlob.

Sinjur Ġesu`, ______________________________

______________________________

# 3.5 Il-Kotba Mqaddsa

**L-Iskrittura Mqaddsa hi l-Kelma ta' Alla. Fiha nsibu dak kollu li Alla jrid jgħidilna biex aħna nkunu nistgħu ngħixu sew. It-tfal Lhud imorru jitgħallmu jaqraw l-Iskrittura Mqaddsa fis-sinagoga.**

Attivita` 1

**Iddiskuti l-istorja tal-Fariżew u l-Pubblikan mill-Vanġelu u imla l-vojt.**

Żewġt irġiel telgħu t-_______________ jitolbu. Wieħed kien Fariżew u l-ieħor _______________ Il-Fariżew, bil-wieqfa, kien jitlob hekk ġo qalbu: "Ja _______________ niżżik ħajr li m'iniex bħan-_______________ l-oħra, ħallelin inġusti jew bħal dan il-pubblikan. Insum darbtejn fil-ġimgħa u _______________ it-taxxa fuq kulma naqla'." Il-pubblikan, wieqaf fil-bogħod, lanqas ried jerfa' għajnejh lejn is-_______________, imma kien iħabbat fuq sidru u jgħid: "Ja Alla, _______________. Jien midneb." Ngħidilkom li dan niżel daru bla ħtija, mhux bħal dak il-Fariżew għax kull min jitgħolla jitniżżel, u kull min _______________ jitgħolla."

sema
pubblikan
aħfirli
nħallas
tempju
Alla
jitniżżel
nies

Attivita` 2

Immarka t-tajba.

1. Is-sinagoga kienet il-post fejn il-Lhud kienu jitolbu u (jistudjaw, jiktbu) l-Liġi.

2. Dan kien isir l-aktar (is-Sibt, il-Ħadd).

3. Xi sinagogi kienu jservu wkoll ta' (skejjel, ħwienet) għas-subien Lhud biss.

4. Kull tifel minn 5 snin sa (17, 13) – il sena kien imur l-iskola tas-sinagoga.

5. Il-bniet kienu (jmorru skola oħra, jibqgħu d-dar) u jitgħallmu minn ommijiethom.

6. Il-Lhud kienu (jiktbu, jpinġu) fit-trab fl-art.

Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Jekk it-talb ma jkunx mill-qalb ma jkun talb xejn.

Sinjur Ġesu`, ______________________________

______________________________

# 3.6 Aħna lkoll tajbin

**Xi kultant ma tantx inħarsu lejn xulxin b'mod tajjeb. Allura rridu naħdmu biex dan ma nagħmluhx ħalli nagħmlu d-dinja ta' madwarna tajba għal kulħadd.**

## Attivita` 1

**Ikteb meta nkun il-Fariżew jew meta nkun il-Pubblikan. Iddiskuti skont dawn l-istampi.**




Il-Fariżew




**Jien il-Fariżew jew il-Pubblikan?**







Il-Pubblikan

## Attività 2

**Qabbel is-sentenzi.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Meta nirrispettaw lill-ġenituri | | nkun qed inġib il-firda. |
| 2. | Meta nifhem li għandi bżonn nitlob skuża | | għax kulħadd għandu d-difetti tiegħu. |
| 3. | Meta nagħmel il-preferenzi ma' sħabi | | nkun qed naħdem għall-għaqda fil-familja. |
| 4. | M'għandix immaqdar lill-oħrajn | | għalhekk nieħu ħsiebha. |
| 5. | Il-ħajja hi rigal mingħand Alla u | 1. | nkun qed inħobb tassew. |

## Attività 3

**Niddiskutu u nitolbu**



Xi kultant ma tantx naħsbu għall-oħrajn għax ngħidu u nagħmlu li rridu.

Sinjur Ġesù, ______________________________

______________________________

# 3.7 L-Appostlu

**Raġel li dejjem ta eżempju tajjeb kull fejn kien, kien Ewġenju Borg. San Ġorġ Preca għażlu u wara, saħħu biex aktar tard għamlu l-ewwel Superjur Ġenerali tas-Soċjetà tal-MUSEUM.**

Attivita` 1

**Iddiskuti l-ħajja ta' Ewġenju Borg. Imla l-vojt bil-kliem mogħti.**

Ġesu` • ~~Isla~~ • Superjur • Ġorġ • umli • balklori
MUSEUM • jgħallem • appostlu • tarzna



Ewġenju Borg twieled l-____Isla____. Meta kiber mar jaħdem it-__________. Kien jagħmel xogħlu bir-reqqa u xi wħud kienu jsejħulu l-__________. Hu kien jgħallem lil sħabu u lill-__________. San __________ Preca għażlu bħala l-ewwel __________ Ġenerali. Hu fetaħ oqsma ġodda tal-__________ barra l-Ħamrun. Hu kien raġel __________ u dejjem kien lest biex __________ fuq __________.

Attivita` 2

**Iddiskuti u ikteb tliet affarijiet kif int tista' tagħmel il-ġid bħal Ewġenju Borg.**

Ma nsaħħanx lil sħabi meta hemm il-ġlied.

Attivita` 3

**Niddiskutu u nitolbu**



**Mhux dejjem ikollna aptit inbatu biex inkunu bil-għaqal u ngħinu wkoll lil ta' madwarna. Irridu ninbidlu.**

**Sinjur Ġesu`,** ____________________________

____________________________________________

# 3.8 Mara b'qalb kbira

**Biex inkunu Nsara tajbin, ma nistgħux nikkuntentaw biss li mmorru nitgħallmu fuq Ġesu`, li nistudjaw u li mmorru l-knisja. Irridu, fuq kollox, dak li nitgħallmu nużawh man-nies ta' madwarna.**



## Attività 1

**Isma` u tgħallem fuq Adelaide Cini. Iddiskuti u pinġi bil-kulur il-kliem li jiddiskrivi lil din il-mara.**



| | | |
|---|---|---|
| egoista | qalbha tajba | umli |
| supperva | ġeneruża | altruista |

## Attivita` 2

**Dawn it-tfal qed jgħinu b'modi differenti. Iddiskuti u mmarka bin-numru t-tajjeb.**

1


2


3


4


| | |
|---|---|
| Tħeġġeġ lil Alla jagħti l-għajnuna tiegħu. | 2 |
| Jifhem hu u jħalli lil min jifhem. | |
| Jaqsmu x-xogħol ħalli ħadd ma jbati. | |
| Tnaqqas minn tagħha biex tagħti lill-oħrajn. | |

## Attivita` 3

**Niddiskutu u nitolbu**




Hawn nies li għandhom bżonn l-għajnuna. Irridu nkunu sensittivi għall-bżonnijiet tagħhom.

Sinjur Ġesu`, ______________________________

______________________________

4

# ĦARSU FTIT 'L HEMM



# 4.1 Il-faqar x'ikun?

**Meta persuna ma jkollhiex biex tgħix u fejn tgħix, ngħidu li qed tgħix fil-faqar.**

**Attivita` 1**

**Ħares lejn dawn l-istampi u ddiskuti t-tipi ta' faqar li għandhom dawn il-persuni.**









## Attivita` 2

**Imla l-vojt billi tikteb kliem li int torbot mal-faqar**

1. Il-faqar iġib (il-ferħ, is-swied ta' qalb).

2. Fejn nistgħu rridu ngħinu biex (jitneħħa, jissoda).



Bla skola | ______



Bla ħbieb | ______

## Attivita` 3

**Niddiskutu u nitolbu**



Il-faqar ma jgħinx biex il-persuni jsiru aħjar.
Int u sħabek lil min tistgħu tgħinu?

Sinjur Ġesu`, nixtieq ______________________

______________________________________

# 4.2 Ġesu` twieled fil-faqar

**Fil-Milied niċċelebraw it-twelid ta' Ġesu` li twieled f'għar. Din hi festa li hi ċċelebrata f'ħafna pajjiżi. Mhux kull pajjiż jiċċelebra din il-festa bl-istess mod.**

**Attivita` 1**

**Qabbel dawn it-tradizzjonijiet mal-pajjiżi tagħhom.**

| Tradizzjoni | Numru | Pajjiż |
|---|---|---|
| 1. Joħorġu fit-toroq jixorbu u jieklu. Ir-rigali jingħataw minn Befana fis-6 ta' Jannar. | | Franza |
| 2. Il-Milied jiġi ċċelebrat fis-sħana ħdejn xi xmara. | | Svezja |
| 3. Kulħadd jibqa' mqajjem għall-quddiesa ta' nofs il-lejl. Santa Klaws jimlielhom iż-żraben bir-rigali. | 1 | Italja |
| 4. Iżejnu s-siġra tal-Milied bil-gallettini f'għamla ta' raġel tal-ġinġer. Jieklu l-ħut f'Jum il-Milied. | | Awstralja |
| 5. Jilbsu ta' Marija u Ġużeppi u jħabbtu bieb bieb. | | Afrika t'Isfel |
| 6. Il-Milied jiċċelebrawh fis-sħana ħdejn il-baħar. | | Messiku |
| 7. L-ikla tal-Milied jikluha lejlet il-Milied: li jkun dundjan mimli jew frott tal-baħar. | | Spanja |

Attivita` 2

## Drawwiet u Tradizzjonijiet

**Ikteb minn liema pajjiżi oriġinaw dawn it-tradizzjonijiet.**



Is-siġra tal-Milied oriġinat ____________________



Santa Klaws oriġina ____________________



Il-Presepju oriġina ____________________



Il-Purċissjoni bil-Bambin oriġinat

minn Malta

Attivita` 3

## Niddiskutu u nitolbu



Iċ-ċelebrazzjoni tkun ta' veru ferħ jekk aħna nkunu nafu x'qed niċċelebraw.

Ġesu`, nixtiequ

____________________________________________

____________________________________________

# 4.3 Kemm iġib ferħ il Milied!

**Meta toqrob il-Milied, tibda tħoss kullimkien ifur bil-paċi. Kulħadd jimtela b'ċertu ħeġġa li ġġib magħha ferħ kbir.**

**Attivita` 1** **Ikolli l-ferħ veru meta.........Imla fuq in-noti u pinġi.**

Nitqarben ta' spiss

Noħroġ nixxala



Nagħti l-għajnuna

Inżur lin-nanniet



Attivita` 2

Pinġi l-istampa.



Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



**Il-purċissjoni tfakkarna li lil Ġesu` rridu nuruh lill-oħrajn.**

**Bambin Ġesu`**

________________________________________

________________________________________

# 4.4 Il-ġrajja li biddlitilna ħajjitna!

**Il-ġrajja tat-twelid ta' Ġesu` hija ġrajja li qatt ma tista' tintesa għax hija ġrajja ta' meta Alla l-Missier tant ħabbna li bagħat lil Ibnu biex isalvana.**

**Attivita` 1** Poġġi l-istorja kif suppost.





| | | |
|---|---|---|
| 1 | Ġużeppi u Marija marru Betlem biex jinkitbu fiċ-ċensiment ta' Ċesri Awgustu. | 1 |
| 2 | Anġlu tal-Mulej deher lir-ragħajja u qalilhom: "Tibżgħux! Għax ara, se nħabbrilkom ferħ kbir. Illum twieled is-Salvatur". | |
| 3 | Ma sabux post fejn joqogħdu, għax kullimkien kien mimli. | |
| 4 | Ir-ragħajja marru jgħaġġlu u sabu 'l Marija, u 'l Ġużeppi u lit-tarbija mimduda f'maxtura. | |

## Attivita` 2

Il-Milied hija festa ta' veru ferħ jekk ..... Iddiskuti u ikteb taħt kull stampa.

Immorru l-purċissjoni.

Nemmnu li min hu fqir hu ħuna wkoll.

Ġesu` twieled għalina lkoll.







Ġesu` twieled għalina lkoll.

## Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Ejjew naraw madwarna lil min qed ibati. Nitolbu għalih u jekk nistgħu ngħinuh.

Bambin tagħna Ġesu`, ____________________

________________________________________

# 4.5 Konna ferħanin tassew

**It-twelid ta' Ġesu` ġab miegħu ferħ kbir fil-qalb ta' Marija u Ġużeppi. Ġab ferħ kbir ukoll fil-qalb ta' dawk li rawh.**

**Attivita` 1** Agħżel kif taħseb li ħassewhom ir-ragħajja.

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Huma skantaw għad-dawl li raw. | ☐ |
| 2 | Huma baqgħu reqdin. | ☐ |
| 3 | Huma emmnu dak kollu li qalulhom l-anġli. | ☐ |
| 4 | Huma mtlew b'ferħ kbir, u marru jsibuh. | ☐ |
| 5 | Huma sabuh u niżlu jadurawh. | ☐ |



## Attivita` 2

## Min jien?

anġli • ~~Ġużeppi~~ • Ċesri Awgustu • ragħajja • għar • Betlem

Jiena mill-belt ta' David. Dak in-nhar kien meħtieġ li ma' Marija mmorru ninkitbu fiċ-ċensiment. Ġużeppi

Jiena l-belt ta' David. Hawnhekk twieled is-Salvatur. ________

Jiena ħriġt id-digriet biex Ġużeppi u Marija jinkitbu fiċ-ċensiment. ________

Jiena offrejt kenn lil Ġużeppi, Marija u Ġesu`. ________

Jiena għedt lir-ragħajja, "Issibu tarbija mfisqija, mimduda f'maxtura". ________

Għedna, "Ħa mmorru sa Betlem u naraw dil-ħaġa li ġrat u li l-Mulej għarrafna". ________

## Attivita` 3

## Niddiskutu u nitolbu



Xi kultant ninsew li lil Ġesu` Bambin nistgħu narawh u ngħinuh.

Ġesu` Bambin, ______________________________

______________________________

# 4.6 Il-fqir u s-sinjur marru tajjeb flimkien

**Ġesu`, li twieled fil-faqar, kellu jiltaqa' ma' tliet slaten li kienu sinjuri u bravi ħafna. Mhux hu mar ifittixhom, iżda kienu huma li marru jfittxuh.**

**Attivita` 1** Iddiskuti dan li ġej u poġġi l-kelma t-tajba.

qima • ~~Lvant~~ • inċens • arthom • deheb • Erodi
Epifanija • teżori

Il-Maġi ġew mil-__Lvant__ u staqsew għas-sultan tal-Lhud lil ________. Il-kewkba li kienu raw mil-Lvant mexxiethom sa fejn kien hemm it-tarbija. Inxteħtu wiċċhom fl-art u tawh ________. Imbagħad, ħarġu t-________ tagħhom u tawh deheb, ________ u mirra. Kienu mwissijjin fil-ħolm biex ma jmorrux għand Erodi u reġgħu lejn ________ minn triq oħra. Il-festa tas-Slaten Maġi nsejħulha l-________.



## Attivita` 2

**Pinġi l-istampa u minn dak li smajt niżżel fl-istampa l-aġġettivi li joqogħdu għall-Maġi.**

supppervi • ~~intelliġenti~~ • umli • sinjuri • foqra




## Attivita` 3

**Niddiskutu u nitolbu**



**Il-Maġi kienu umli. Aħna wkoll irridu nkunu umli.**

**Sinjur Ġesu` , Bambin ____________________**

**________________________________________**

# 4.7 Ma nitkabbrux

**Għandna proverbju Malti li jgħid, "Min jiftaħar jaqa' l-baħar." Min dejjem ħsiebu biex juri dak li għandu u allura ma jirrispettax lill-oħrajn, żgur li lil Ġesu` Bambin ma jixbhux.**

**Attivita` 1** Għaqqad. X'qed jgħidli Ġesu` Bambin?

| | |
|---|---|
| 1 Ġesu` twieled ġo għar il bogħod mill-belt. | "Irrispetta lil min jieħu ħsiebek." |
| 2 Ommu poġġietu f'maxtura fqajra. | "Tkunx supperv." |
| 3 L-ewwel li raw lil Ġesu` kienu Ġużeppi u Marija. | "Jien ġejt għal kulħadd." |
| 4 Ir-ragħajja sempliċi tawh qima. | "Ħobb lill-foqra." |
| 5 Il-Maġi ġew mill-bogħod biex jarawh. | "Oqgħod kwiet u ftakar fija." |



## Attivita` 2

**Iddiskuti x'tista' tagħmel int jew bħala klassi x'tistgħu tagħmlu biex dawn ikollhom Milied sabiħ.**









## Attivita` 3

**Niddiskutu u nitolbu**



**Il-gwerra hija ta' tbatija kbira.**

**Bambin Ġesu`,** ______________________

______________________________

# 4.8 Ejja ħa ngħinek

**L-għajnuna mhux bil-kliem biss trid tkun, imma bil-fatti. Biex ngħinek jien irrid nagħmel xi ħaġa għalik.**



## Attivita` 1




**Semmi żewġ modi kif tista' tgħin lil Sam.**

1. ____________________ 2. ____________________

Attivita` 2

**Ikteb messaġġ ta' tama lil Sam fejn tgħidlu ma jaqtax qalbu. Uża kliem bħal "Agħmel kuraġġ", "Taqtax qalbek. Se nitlob għalik".**

Attivita` 3

## Niddiskutu u nitolbu



**Ikteb talba lil Ġesu` u għidlu biex jieħu ħsieb lil xi ħadd li taf li qed ibati u mhux se jkollu Milied sabiħ din is-sena.**

# 5 NGĦIX MA' KULĦADD



# 5.1 Int u jien għandna bżonnijiet differenti

**Għalkemm inħobbu lil xulxin u naħdmu biex niftiehmu, irridu nifhmu li aħna differenti minn xulxin. Dak li għandi bżonn jien mhux bilfors hu dak li trid jew li għandek bżonn int.**

**Attivita` 1**

**Iddiskuti u mmarka ma' liema taqbel jew ma taqbilx permezz tal-wiċċ.**

| | ☺ | ☹ |
|---|---|---|
| 1. Kulħadd għandu bżonnijet differenti. | ✓ | |
| 2. Min hu supperv irid jibqa' hekk. | | |
| 3. Ġesu` aċċetta lil kulħadd. Aħna rridu nagħmlu l-istess. | | |
| 4. Xi kultant inbatu minħabba l-oħrajn. | | |
| 5. Irridu nitolbu għal min ma jgħinx biex jinbidel. | | |
| 6. Kulħadd irid jaħdem biex fl-imġiba tiegħu jsir aħjar. | | |

## Attivita` 2

**Ara ftit x'qed jagħmlu dawn it-tfal!**

**Ġesu` kien iħobb lil kulħadd u tgħallem jgħix sew ma' kulħadd. Iddiskuti kif tista' tgħix sew ma' dawn in-nies billi timmarka t-tajba.**



**a) Marija tgħajjat għal kull xejn u ddejjaq lil kulħadd. Jien għandi (nikkalma, ngħajjat bħalha) sakemm tieqaf u nispjegalha.**



**b) Jason qatt ma jasal fil-ħin. Jien għandi (nispjegalu li mhux sew, inħallih jagħmel li jrid) u ninkuraġġih biex iħaffef aktar u jlesti kollox minn filgħaxija.**

## Attivita` 3

**Niddiskutu u nitolbu**



**Ejja niddiskutu l-karattri tagħna u naraw fejn nistgħu nirranġaw ħalli ngħixu aħjar.**

**Sinjur Ġesu`, kemm nixtieq li**

______________________________________

______________________________________

# 5.2 Min hu twil u min hu iqsar

**Min hu twil u min ftit iqsar, min għandu xagħru lixx u min xagħru nnukklat. Hawn min għandu ġilda ċara u min aktar skura. Il-lista hi twila ħafna!**

Attivita` 1

**Ma' dan il-ħajt xi tfal kitbu karatteristiċi sbieħ li jagħmlu 'l ħajjitna isbaħ. Pinġihom bl-aħdar. Hemm ukoll karatteristiċi li m'humiex daqshekk tajbin. Pinġihom bl-aħmar.**

| | | |
|---|---|---|
| ċajtier | qalbi tajba | nervuż |
| ferriħija | paċenzjuża | |
| inħobb ninbex | inċedi | ġellied |
| ma nħobbx ngħin | sinċier | |
| | ma ngħidx il-verità | nobdi |

Attivita` 2

## Ara ftit x'qed jagħmlu dawn it-tfal!



Carlo m'għandux paċenzja u fil-klassi dejjem jaqbeż u jgħid it-tweġiba qabel sħabu. Sħabu ma tantx jieħdu gost. Bħalissa hemm Federica bilqiegħda ħdejh u issa bdiet tfakkru biex jgħolli subgħajh qabel iwieġeb. Bil-mod il-mod qed jidra.

Kif taħseb li hu l-karattru ta' Carlo?

______________________________________________

Kif għenitu Federica biex itejjeb il-karattru tiegħu?

______________________________________________

Attivita` 3

## Niddiskutu u nitolbu



Karattri differenti jġibu ideat differenti.

Sinjur Ġesu`, ______________________________

______________________________________________

# 5.3 Tajjeb li niftaħ qalbi

**Kultant ikollna xi problema li ma nkunux nafu kif se nsolvuha waħedna. Għall-ewwel nibdew naqtgħu qalbna imma mbagħad niftakru li hemm diversi persuni li magħhom nistgħu nitkellmu u nifthu qalbna.**

Attivita` 1

**Iddiskuti: Ma' min tista' tiftaħ qalbek?**
**Fil-kaxxa t'hawn taħt ikteb, pinġi jew waħħal stampi ta' nies differenti li tista' tiftaħ qalbek magħhom.**

## Attivita` 2 — Sib is-sentenza moħbija.

Ibda mill-ittra 'M' u pinġi ittra iva u ittra le. Ikteb is-sentenza li tifforma fil-kaxxa.




## Attivita` 3 — Niddiskutu u nitolbu



Hu importanti ħafna li niftħu qalbna ma' min jista' jifhimna.

Sinjur Alla, grazzi ______________________________

______________________________________________________

# 5.4 Nagħmel dejjem il-ġid

**Ġesu` jixtieq li nagħmlu l-ġid ma' kulħadd. Ma jridx li jiġrilna bħas-Sultan Sawl li għamel il-ħażin. Irridu nfittxu li ngħinu lil sħabna u mhux infixkluhom. Hemm bżonn li nifirħu magħhom.**

## Attivita` 1

Is-Sultan Sawl beda bħala sultan tajjeb imma mbagħad spiċċa jagħmel il-ħażin. Imla l-vojt biex tifforma paragrafu qasir fuq dan is-Sultan.

David • joqtol • ~~ewwel~~ • jaħrab • Alla • kontrieh • jgħir



Sawl kien l-___ewwel___ Sultan ta' Iżrael. Għall-bidu kien raġel tajjeb iżda mbagħad beda ________ għal wieħed żagħżugħ li kien jismu ________ għax dan kien beda jsir popolari man-nies ta' Iżrael. Sawl ma bediex jobdi lil ________. Ipprova wkoll ________ lil David imma David irnexxielu ________. Sawl beda jieħu ħafna deċiżjonijiet ħżiena. In-nies bdiet teħodha ________ u spiċċa ħażin.

## Min ħaqqu stilla?

Attivita` 2

**Pinġi stilel taħt it-tfal li kieku int tagħmilha magħhom!**



John iħobb jilgħab ma' kulħadd u ma jgħid kontra ħadd.

Rachel dejjem trid li l-ħbieb tagħha jagħmlu kif tgħid hi.





Karl iħobb iħażżeż fuq xi kotba tal-ħbieb u mhux l-ewwel darba li jwaħħal f'ħaddieħor.

Martina dejjem toqgħod attenta fil-klassi u tgħin lil sħabha meta jkollhom xi diffikultà.



Attivita` 3

## Niddiskutu u nitolbu



Hu importanti li dejjem nagħmlu l-ġid.

Sinjur Ġesu`, ______________________________

______________________________

# 5.5 Kif trid lilek trid lil ta' madwarek!

**Ġesu`, bil-ħajja tiegħu, jurina kif għandna nġibu ruħna mal-oħrajn. Qatt ma warrab lil ħadd, imma dejjem fittex kif jgħin lil kulħadd.**

**Attivita` 1** Immarka t-tweġiba t-tajba.



1. Meta nagħmel il-ħażin:

inbati jien. ◯

nieħu gost. ◯

ifaħħruni. ◯



2. Fil-ħajja dejjem irrid nagħmilha ma' nies li jriduli:

il-ħsara. ◯

il-ġid. ◯

id-dwejjaq. ◯



3. Dejjem għandi nfittex li:

nivvinta fuq ħbiebi. ◯

ngħin lill-oħrajn.

nweġġa' lil sħabi.

## Kieku inti x'tagħmel?

Attivita` 2

1. Jason kien tifel imqareb ħafna. Ommu kienet dejjem l-isptar u allura hu kien ikun ħafna waħdu għax missieru kien irid imur jaħdem. Ħlief jiġġieled u jissuppervja ma kienx. Spiss kien jinqala' l-inkwiet fejn ikun hu u allura ħadd ma kien ikun irid joqgħod jew jilgħab miegħu.

Iddiskuti:

1. Il-karattru ta' Jason.
2. Għalfejn wieħed għandu jagħder lil Jason?
3. Kif nistgħu ngħinu lil Jason?

Ġesu` wriena li jkunu min ikunu l-persuni, aħna għandna dejjem naraw kif (ngħinuhom, inwarrbuhom).

Dejjem għandna naraw kif nistgħu nagħmlu (aħjar, agħar) il-ħajja tagħhom. Meta nkunu qed nagħmlu hekk, ħajjitna tkun tixbah lil dik ta Ġesu`.

Attivita` 3

## Niddiskutu u nitolbu



Fil-ħajja tagħna aħna mdawrin b'nies li ġejjin minn ambjenti tajbin u oħrajn diffiċli. Araw jekk fir-raħal tagħkom hemmx lil min tistgħu tgħinu u araw kif ħa tagħmlu dan.

Ġesu`, kemm nixtieq li

____________________________________

____________________________________

# 5.6 Ħobb lil kulħadd

F'ħajtu Ġesu` kien jiltaqa' ma' ħafna nies. Ma' kull min kien jiltaqa' kien dejjem ifittex li jgħinu. Kien jgħin nies qrib tiegħu u oħrajn imwarrbin. Għal Ġesu` ma kienx importanti jekk dak li jkun kienx qrib tiegħu jew le.

**Attivita` 1** Aħseb ftit u agħżel it-tajba billi tpinġi l-kaxxa t-tajba.

1. F'ħajti għandi nħobb u ngħin

| | | |
|---|---|---|
| lil min iħobbni biss | lil min jgħinni biss | lil kulħadd. |

2. Meta xi ħadd jitlobni ngħinu għandi

| | |
|---|---|
| nara x'nista' nagħmel biex ngħinu | |
| ngħidlu li għandi x'nagħmel | ma nagħtix kasu. |

3. Meta xi ħadd jagħtini parir tajjeb għandi

| | | |
|---|---|---|
| nisma' minnu | ninjorah | nagħmel ta' rasi. |

4. Ġesu`għallimna li għandna nimxu | ħażin | għal rasna | tajjeb | mal-oħrajn u nfittxu li nagħmlu l-ġid dejjem u lil kulħadd.

Attivita` 2

## Imla l-qlub.

F'dawn il-qlub ikteb xi raġunijiet biex turi għaliex hu importanti li tħobb lil kulħadd. Imla l-qlub.




Attivita` 3

## Niddiskutu u nitolbu



Importanti li ngħinu u nħobbu lil kulħadd.

Sinjur Ġesu`, ______________________________

______________________________________________

# 5.7 Naċċetta parir

**Xi kultant niżbaljaw jew ma nkunux nafu li qed nagħmlu ħażin. Iżda f'ħajjitna għandna ħafna nies li jridulna l-ġid u jgħidulna x'għandna nagħmlu biex inkunu tfal aħjar.**

**Attivita` 1** **Iddiskuti u imla l-vojt.**

**Ġesu` ried il-ġid għal Mattew u meta ltaqa' miegħu għenu jbiddel ħajtu. Mattew ma webbisx rasu u sema' minn Ġesu`. X'għandna nagħmlu meta xi ħadd jagħtina parir?**



## Attivita` 2

**Wieġeb il-mistoqsijiet billi timmarka t-tweġiba t-tajba.**



| | | |
|---|---|---|
| 1. X'kien jagħmel Mattew qabel iltaqa' ma' Ġesu`? | Kien jiġbor it-taxxi. | ☑ |
| | Kien iqassam il-flus. | ☐ |
| 2. X'qallu Ġesu` meta ltaqa' miegħu? | "Missek tistħi!" | ☐ |
| | "Ejja warajja!" | ☐ |
| 3. X'għamel Mattew? | Sema' minn Ġesu` u mar warajh. | ☐ |
| | Ma tax kas Ġesu`. | ☐ |
| 4. Kif inbidlet ħajtu? | Mattew sar raġel tajjeb. | ☐ |
| | Mattew kien imdejjaq. | ☐ |

## Attivita` 3

**Niddiskutu u nitolbu**



**Xi kultant jagħtuna parir u ma niħduhx.**

**Mulej Ġesu`,** ______________________________

______________________________________________

# 5.8 Nilqa' lil kulħadd

**Ġieli kien hemm xi ħadd li talbek biex tilgħab miegħu u inti m'aċċettajtx? Jew forsi saqsiek biex tgħinu u inti ma kellekx ċans jew ma kellekx aptit? Aħseb ftit...Kieku Ġesu` x'kien jagħmel?**



**Attivita` 1** Qabbel is-sentenzi bin-numri biex tifforma l-istorja.

**Ġesu` fejjaq ħafna nies fosthom lit-tifla ta' wieħed raġel jismu Ġajru.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Ġajru kien | | seta' jfejjaq lit-tifla tiegħu. |
| 2. | It-tifla tiegħu kienet | | rieqda mhux mejta. |
| 3. | Missierha kien jemmen li Ġesu` | 1 | il-kap tas-sinagoga. |
| 4. | Ġesu` mar għandu | | qamet u bdiet timxi. |
| 5. | Ġesu` qalilhom li t-tifla kienet | | qiegħda tmut. |
| 7. | Ġesu` qabad id it-tifla u qalilha, | | biex iqajjem lit-tifla. |
| 8. | Wara ftit it-tifla | | "Talitha, qum!" |



## Attività 2

Agħti l-kulur.




## Attività 3

Niddiskutu u nitolbu



Xi kultant, biex ngħinu rridu nħallu l-affarijiet li nieħdu gost nagħmlu biex nagħmlu dak li jkun hemm bżonn.

Sinjur Ġesu` , ____________________________________

______________________________________________________

# 6 MIN JIFFORMA L-KATINA TA' ĦAJJITNA



# 6.1 Il-ħbiberija vera

**Il-ħbieb ta' veru jagħmlu d-dinja tagħna sabiħa. Il-ħbiberija meta tkun sinċiera hija mod kif insiru nafu aktar lil xulxin u nikbru flimkien fil-paċi u fl-imħabba.**

## Attività 1

**Xi tfisser ħbiberija ta' veru? Iddiskuti u imla l-vojt. Pinġi l-istampa.**



## Attivita` 2

Irridu noqogħdu attenti xi tfal ikunu li nsejħulhom ħbieb. Irridu nieħdu parir ħa naraw jekk dawn humiex ħbieb ta' veru. Ġesu` kellu ħafna ħbieb. Kien hemm min kien ħabib ta' veru u kien hemm min ma kienx u fil-fatt wasslu għall-mewt.

Liema minn dawn huma karatteristiċi ta' ħbiberija vera li Ġesu` wera lejn l-appostli.

| | | IVA | LE |
|---|---|---|---|
| 1 | Ġesu` għażilhom biex ikunu miegħu. | ✓ | |
| 2 | Għallimhom biex ikunu aħjar. | | |
| 3 | Warrabhom meta sab aħjar minnhom. | | |
| 4 | Għenhom meta ma qabdux ħut. | | |
| 5 | Kien jitkellem kontra tagħhom. | | |
| 6 | Kien ikun dejjem magħhom. | | |

## Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Aħna mhux dejjem nifhmu xi tfisser il-ħbiberja vera. Xi kultant naħsbu li kollox għandu jsir kif irridu aħna.

Ġesu`, Int li kont ħabib ta' veru

______________________________

# 6.2 Ġesu` ħabib ta' veru

**Ġesu` kien ħabib ta' veru. Hu dejjem baqa' jgħin u jgħallem u jkun mal-appostli. Qatt ma warrabhom. Kien jieħu ħafna paċenzja bihom.**

**Attivita` 1** **Iddiskuti u imla l-vojt.**

**Konna qegħdin nilagħbu, meta Mark ma riedx ikompli jilgħab. Qal li kien skorja gowl. Aħna lkoll rajnieh u lkoll indunajna li kien *off side*. Iġġilidna miegħu u ma bqajniex ħbieb. Ried jidħak bina.**



naqblu

niġġieldu

niddiskutu

paċenzja

**Irridu nifhmu li mhux dejjem ħa ________________ f'kollox.**

**Il-ħbiberija titlob li aħna nieħdu ________________ b'xulxin u meta ma naqblux ____________________ ħa naraw kif nistgħu nirranġaw. Meta nissuppervjaw kulħadd jitlef għax ______________ .**

## Attivita` 2

Ikteb VERU jew FALZ.

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-ħbieb għandhom issellfuk l-affarijiet. | ✔ | |
| 2. | Il-ħbieb jistgħu jimbuttawk u jweġġgħuk. | | |
| 3. | Il-ħabiba għandha tipprova tgħinni. | | |
| 4. | Min hu ħabib tiegħek ma jgħirx għalik. | | |
| 5. | Min hu ħabib jitlob skuża. | | |
| 6. | Min hu ħabib jieħu paċenzja bi sħabu. | | |

## Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Mhux faċli li nieħdu paċenzja meta ma narawx l-istess affarijiet.

Sinjur Ġesu`, ________________________________

________________________________________

# 6.3 Il-Ħbieb tampari

**L-aħjar li l-ħbieb ikunu tamparek. Il-ħbieb mhux bilfors li dejjem jaħsbu l-istess bħalek. Ngħidu aħna, jista' jkollok ħabiba li għandha xi passatemp li hu differenti minn tiegħek. Jista' jkun ukoll li l-ħabib tiegħek ma jkunx iżomm mal-istess tim tal-futbol li żżomm int miegħu.**

Attivita` 1

**Fit-tiftiexa għandek kwalitajiet ta' vera ħbieb. Pinġi dawk il-kwalitajiet li jinsabu fil-ħbieb speċjali li għandek.**

**jitolbu • onesti • kwieti • ferriħin**

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| V | V | O | N | E | S | T | I |
| F | E | R | R | I | Ħ | I | N |
| L | H | U | K | W | IE | T | I |
| J | I | T | O | L | B | U | K |



## Attivita` 2

Pinġi t-tajbin.

Fl-Evanġelju ta' San Ġwann 15: 15, Ġesu` jgħidilna hekk: "Insejħilkom ħbieb, għax is-seftur ma jafx x'jagħmel sidu. Insejħilkom ħbieb għax għedtilkom dak kollu li l-Missier qalli".

| | |
|---|---|
| 1 | L-aħjar ħbieb huma dawk tal-età tagħna. |
| 2 | Skont Ġesu` l-ħbieb jgħiru għal xulxin. |
| 3 | Jien kapaċi ngħidilkom dak li qed inħoss. |
| 4 | Il-ħbieb huma dawk li lesti jbatu biex jgħinuna. |
| 5 | Skont Ġesu` ħbiebek jaqsmu kollox miegħek. |

## Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Mhux dejjem faċli li nsibu ħbieb li lesti jgħidulna li nkunu għamilna żball.

Ġesu`, nitolbuk ______________________________

______________________________________________

# 6.4 Fil-ġenna tal-art

**Mal-ħbieb veri nħossni ferħana u fil-ġenna tal-art. Imma meta niġġieldu jien tgħidx kemm ninkwieta u nħossni mdejqa. Għalhekk, huwa importanti li meta ma naqbilx mal-ħbieb tiegħi aħna nitkellmu flimkien biex inġibu l-paċi.**

**Attivita` 1** Iddiskuti u ikteb kif ħassewhom dawn it-tfal.



1. Fil-brejk Jake imbotta lil Naomi.

Jake ħassu ______________________

Naomi ħassitha ______________________

2. Miguel nesa l-'*lunch*' u Julian tah ftit mil-'*lunch*' tiegħu.



Miguel ħassu ______________________

Julian ħassu ______________________

## Attivita` 2

### Iddiskuti u agħżel.

Fil-brejk Justine, inti u l-ħbieb tiegħek tħobbu tiġru. Justine kisret sieqha u fil-brejk ma setgħetx tiġri. Kieku inti x'tagħmel biex Justine tkun tista' tilgħab magħkom?

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Tħalliha fil-ġenb tarakom. | ___________ |
| 2 | Tagħżel logħob li m'hemmx ġiri fih. | ___________ |
| 3 | Taqsmu l-ħin – tilagħbu ftit magħha u tiġru. | ___________ |
| 4 | Ma nagħtux kasha. | ___________ |
| 5 | Għal darba toqogħdu magħha. | ___________ |
| | Xi ħaġa oħra: ___________________________ | |



## Attivita` 3

### Niddiskutu u nitolbu



Meta kollox miexi sew, ħadd ma jiddejjaq, imma meta jkun hemm xi diffikulta`, ikun hemm in-nervi u d-dwejjaq.

Sinjur Ġesu`, ___________________________

# 6.5 Stajt għamiltha dik!

**Xi kultant il-ħbieb iwegħduna xi ħaġa jew aħna nwegħduhom xi ħaġa u ma nżommux kelmitna. Dan iġib miegħu dwejjaq. Imma tajjeb nifhmu li mhux dejjem ikun possibbli li nagħmlu dak li nkunu wegħedna.**

Attivita` 1 **Immarka t-tweġiba.**

**Marija wiegħdet lil Stefan u lil Shelon li kellha toħodhom jaraw il-kummiedja li kienet għadha kif waslet fir-raħal, mal-familja tagħha. Tgħidx kemm kienu ilhom jistennew dik il-ġurnata. Imma ġara li filgħaxija Marija ċemplet u qaltilhom li n-nanna tagħha kienet ma tiflaħx u allura ma setgħux imorru.**



1. Stefan u Sheldon (ħadu gost, għamlu d-dwejjaq) li ma kinux sejrin il-kummiedja.
2. Marija (kellha, ma kellhiex) raġun ma tagħmilx dak li wegħdet.
3. (Mhux dejjem, Dejjem) hu possibbli li żżomm il-wegħda tiegħek.
4. Meta ma nistgħux inżommu dak li nwiegħdu tajjeb li (nispjegaw, inħallu kollox jgħaddi).
5. Għandna dejjem inwiegħdu dak li (kważi dejjem, qatt ma) nistgħu nkomplu.

## Attivita` 2

Ħares lejn din il-lista u ddiskuti liema minn dawn kważi dejjem tista' twettaq.





1. Nisbarazza s-satchel tiegħi.
2. Nagħmel is-sodda filgħodu.
3. Naħsel il-ħwejjeġ.
4. Inbiddel l-uniformi u nagħmilha sew fuq is-siġġu.
5. Ngħin fit-tindif tal-kċina.
6. Ngħid it-talba filgħaxija.









## Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Donna ninsew li dawk li jieħdu ħsiebna wkoll iwiegħdu ħafna affarijiet u jagħmluhom. Xi kultant lanqas nindunaw kemm

____________________________________________

Sinjur Ġesu`, ________________________________

# 6.6 Tgħid xejn fuqi!

**Ġesu` kien iħobb lil kulħadd, anki lil dawk in-nies li ma kinux jaqblu miegħu. Ġesu` jgħallimna li aħna m'għandniex niġġudikaw lill-oħrajn. Għalina, kulħadd għandu jkun l-istess.**

Attivita` 1

**Iddiskuti u imla l-vojt biex b'hekk tkompli l-istorja tal-mara l-midinba.**

Darba waħda, lil Ġesu` ġabulu quddiemu mara li kienet inqabdet tagħmel id-______________ u kellha għarus ieħor. Min kien jagħmel bħal din il-mara kienu jixħtulu l-________. In-nies staqsew lil _________ x'għandhom jagħmlu. Ġesu`, waqt li beda jikteb fir-__________ qalilhom, "Min hu bla dnub jixħet hu l-ewwel __________". In-nies meta semgħu hekk telqu. Ġesu` staqsa lill-mara, "Fejn huma n-nies? Ħadd ma akkużak? Mur u tagħmilx _____________ iżjed".



Attivita` 2

Pinġi l-istampa u kompli din is-sentenza.



Ġesu` ħenn għal din il-mara u qalilha biex tagħmel kuraġġ u ma _______________ iżjed.

Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Xi kultant inħarsu lejn il-ħazin tal-oħrajn u ninsew tagħna.

Sinjur Ġesu`, ________________________________

________________________________________

# 6.7 Biex il-katina tkun b' saħħitha

**Il-katina tkun b'saħħitha meta ċ-ċrieki kollha jkunu magħqudin. Biex inkunu ħaġa waħda u jkollna l-għaqda bejnietna rridu naraw li ngħinu lil kulħadd u ma nħallu lil ħadd ikun imweġġa' minn xi ħadd.**

Attivita` 1

Iddiskuti u mmarka.



Manuela kienet ġejja minn familja fejn kellha kulma kellha bżonn. Kienet dejjem pulita u x-xogħol tagħmlu sew. Fil-klassi, kif daħlet, mal-ewwel m'għoġbitx lil Marvin u l-grupp tiegħu. Bil-kliem tagħhom kienu qed iweġġgħu lil Manuela. Anke kienu jbeżżgħu lil min kien jipprova jilgħab jew joqgħod magħha. Manuela kienet vittma ta' bullying. Keith, meta ra dan, beda jaħseb kif ħa jgħin.

| | | IVA | LE |
|---|---|---|---|
| 1. | Irrid nitkellem meta xi ħadd iweġġagħni. | | |
| 2. | L-uġigħ jista' jkun bil-kliem jew bl-għemil. | | |
| 3. | Meta nwarrab lil xi ħadd inkun qed nagħmel sew. | | |
| 4. | Messaġġi ta' tgħajjir huma ħżiena u jweġġgħu. | | |
| 5. | M'għandi qatt nibża' mill-bully. | | |
| 6. | Il-bully għandu bżonn l-għajnuna. | | |

Attivita` 2

## Agħżel it-tajba.

**Fil-ktieb tal-Atti tal-Appostli nsibu storja ta' mara li jisimha Tabitha. Kienet tħobb tassew u kienet tara kif tagħmel biex ta' madwarha jkunu kuntenti u ferħana.**

1. Tabitha kienet minn (Joppa, Franza).
2. Bil-Grieg isimha hu Dorcas li tfisser (ċerva, tigra).
3. Kienet tqatta' ħafna ħin tgħin (il-foqra, fid-dar) u tara kif dawn ikunu ferħanin.
4. Kienet saħansitra tħit (il-ħwejjeġ, il-purtieri) għal dawk fil-bżonn biex ma jbatux il-kesħa.
5. Hi kellha ħafna (ħbieb, tfal) għax kienet tgħin u taqdi lil kulħadd.

Attivita` 3

## Niddiskutu u nitolbu



Tgħin tfisser taqdi u ma tistenna xejn lura.

Sinjur Ġesu`, ______________________________

______________________________________________

# 6.8 Ġesu`, jien u l-ambjent tiegħi

**Ġesu`, meta kien fid-dinja, uriena bil-ħajja tiegħu kif nistgħu nżommu l-ambjent tagħna nadif billi nkunu ħbieb ta' xulxin u f'għaqda ma' Alla. Hu stess wera bil-ħajja tiegħu li Alla l-Missier kien jieħu l-ewwel post f'ħajtu u li din il-ħaġa għenitu sew.**



## Attività 1

Iddiskuti u uri x'għamel Ġesu` quddiem dawn iċ-ċirkustanzi.



Ġesu` u Pietru u l-qabda tal-ħut



Ġesu` jitlob



Ġesu` u l-adultera



It-tieġ ta' Kana

1. Iferraħ lill-appostli.
2 Jgħin fid-diffikultajiet.
3. Iħenn u jinkuraġġixxi.
4. Jitlob l-għajnuna ta' Alla.

## Attivita` 2

**Aħseb ftit u ikteb meta inti, bħal Ġesu`, tista':**

**Tferraħ lil sħabek • Tagħmel kuraġġ**
**Iddur lejn Alla Missierna • Tgħin fid-diffikultajiet**



______________________



______________________



______________________



______________________

## Attivita` 3

**Niddiskutu u nitolbu**



**Xi kultant inkunu ttentati li nwaqqgħu għaċ-ċajt lil xi ħadd li ma jkunx fil-grupp tagħna.**

**Sinjur Ġesu`,**

______________________

# 7 BIL-KURAĠĠ INĦARSU 'L QUDDIEM



# 7.1 Ara titlax!

**Biex ngħixu tajjeb mhux ħaġa ħafifa għax irridu dejjem naraw x’hemm bżonn li nagħmlu u nagħmluh. U dan, ħafna drabi, iġib sfidi kbar għax imur kontra dak li nixtiequ aħna.**

## Attivita` 1

**Iddiskuti ma’ sħabek u agħżel liema sentenzi għandhom x’jaqsmu mal-isfidi fil-ħajja tagħna.**



## Attivita` 2

Xi sfidi għandhom dawn it-tfal? Iddiskuti u imla n-numru t-tajjeb.










1. Irrid ngħin imma ħija jmiss li jgħin.
2. Irrid noqgħod attent imma għandi l-ġuħ.
3. Irrid nitlob imma kemm nixtieq immur il-parti.
4. Irrid nistudja imma kemm nixtieq nilgħab!

## Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Mhux dejjem faċli li tkun moħħok hemm meta tixtieq tagħmel xi ħaġa oħra.

Sinjur Ġesu`, ______________________________

______________________________________________

# 7.2 Sfida li ngħixu ta' Nsara ta' veru

**L-isfidi huma okkażjonijiet fejn aħna rridu nagħżlu bejn dak li rridu nagħmlu u dak li suppost nagħmlu. Il-ħajja tagħna kollha sfidi. Waħda mill-isfidi kbar hija biex aħna ngħixu l-Magħmudija tagħna.**

**Attivita` 1** Iddiskuti u mmarka t-tajbin.



**Il-Magħmudija tagħmilna:**

**Kuġini ma' Ġesu`.**

**Nodfa minn ġewwa.**

**Membri kbar tal-Knisja.**

**Lesti biex nitgħallmu.**

**Aħwa ma' xulxin.**

**Ulied Alla.**

## Attivita` 2

**Qabel ma beda jipprietka, Ġesu` wkoll mar jitgħammed għand Ġwanni l-Battista.**

1. Il-Magħmudija kif waqqafha Ġesu` hija (Sagrament, kmandament).

2. Fil-Magħmudija jlibbsuna libsa (bajda, safra) li tfisser li aħna nkunu meħlusin mid-dnub tan-nisel.

3. Fil-Magħmudija jiġi fina għall-ewwel darba (Ġesu`, l-Ispirtu s-Santu).

4. Bil-Magħmudija aħna nkunu kapaċi nitgħallmu (nwarrbu, nilqgħu) l-isfidi biex nagħżlu li ngħixu tajjeb.

5. Ġesu` tgħammed minn (Pietru, Ġwanni l-Battista).

## Attivita` 3

**Niddiskutu u nitolbu**



Xi kultant lanqas naħsbu qabel nagħmlu xi ħaġa u allura meta jiġri hekk niddeċiedu kif jaqblilna u mhux kif suppost isir.

Sinjur Ġesu`, ______________________________

______________________________________________

# 7.3. Il-Magħmudija ta' Ġesu` u l-Magħmudija tagħna

**Meta nitgħammdu aħna nitwieldu mill-ġdid. Bil-għajnuna li nieħdu minn dawk li jieħdu ħsiebna aħna nibdew ngħixu u nħobbu kif għex u ħabb Ġesu`.**

**Attivita` 1** **Imla bit-tajjeb. Biex ngħix il-Magħmudija rrid..........**




nobdi

inċedi

inġib il-paċi

nistudja

~~nitlob~~

naħfer

nissuppervja

nisraq

inqerr

nitqarben

Attivita` 2

Qabbel is-simboli mat-tifsira tagħhom.








1. Inaddaf u hu sinjal ta' ħajja.

2. Turi ħajja ġdida u sabiħa.

3. Turi li Alla jinsab preżenti.

Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Xi kultant lanqas niftakru li l-Ispirtu s-Santu qiegħed magħna biex jgħinna ngħixu sew.

Spirtu s-Santu ______________________________

______________________________________________

# 7.4. Għandek valuri?

**Valur hija xi ħaġa tajba li jkollu l-bniedem. Permezz tagħha, hu jkun jista' jgħix bil-għaqal u fil-paċi miegħu nnifsu. Ikun ukoll kapaċi li jgħix fil-ferħ mal-oħrajn u ħabib ta' Alla.**

**Attivita` 1** Aqra, iddiskuti u agħżel.

Joseph u Maria kienu aħwa. Ġieli kienu jiġġieldu, imma malajr kienu jerġgħu jagħmlu ħbieb. Ommhom mardet għal ftit żmien. Allura t-tfal kienu jippreparaw kollox huma. Darba filgħodu Maria sabet il-pakkett taċ-ċereali kważi vojt. Riedet tieħu hi u ħuha. Għalkemm xtaqet li tieħdu kollu, ħalliet nofs għal ħuha.

Maria kellha..




- l-għaqal
- l-egoiżmu
- l-qies
- l-għażż
- l-qawwa
- r-rispett

## Attivita` 2

Iddiskuti u imla.




| Mimdudin | Weqfin |
| --- | --- |
| 1. Naħfer lil kull min jagħmilli d-deni. | 2. __________ lil kull min ikollu bżoni. |
| 3. __________ lill-ġenituri u lil min jieħu ħsiebi. | 4. Nuri __________ lejn kulħadd. |

## Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Irid ikollna l-kuraġġ biex inkunu ġusti f'dak li ngħidu u nagħmlu.

Sinjur Ġesu`, ______________________________

______________________________

# 7.5. Mhux kliem imma fatti!

**Meta nparlaw biss u ma nagħmlux dak li niftaħru li għandna nagħmlu żgur li ma jkollniex għaqal. Xi kultant ma nagħmlux dak li ngħidu għax jonqosna l-kuraġġ u meta jonqosna l-kuraġġ allura nbatu aħna u dawk ta' madwarna.**

**Attivita` 1** Qabbel l-istampa mas-sentenza.







1. Naqsu l-kuraġġ li jgħid minn kien u ċaħad lil Ġesu`.

2 Ġesu` kien meqjus f'dak li qal u xorta qala' s-swat.

3. Ma kellux għaqal u biegħ lil Ġesu`.

4. Il-poplu ma kienx ġust ma' Ġesu` u riedu msallab.





## Attivita` 2

## Min jien?

Fl-Aħħar Ċena, Ġesu` pprova jgħin lill-appostli jkunu għaqlin u kuraġġjużi. Pinġi l-istess kulur kull sentenza.

| | | |
|---|---|---|
| Hu ħasel | biex ikun għaqli | biex jagħmillu l-kuraġġ u jindem. |
| Ħalla lil Ġuda | saqajn kulħadd | u joqgħod attent x'jgħid. |
| Wissa lil Pietru | jiekol mill-istess platt tiegħu | biex jurihom li għandhom iserrvu. |

## Attivita` 3

## Niddiskutu u nitolbu



Hu diffiċli tqis x'tgħid u x'tagħmel imma meta ma jsirx hekk xi ħadd iweġġa'.

Sinjur Ġesu`, ______________________________

______________________________

# 7.6. Jekk għedt is-sewwa għaliex issawwatni?

**Xi kultant min jgħid is-sewwa jbati. Hekk ġralu Ġesu` quddiem Kajfa. Hu qal is-sewwa u ġie msawwat.**

**Attivita` 1** Agħżel il-kelma t-tajba.

1. Min kien Kajfa?
   Kajfa kien (dixxiplu ta' Ġesu`, il-Qassis il-Kbir).

2. Għalfejn Ġesu` sab ruħu quddiem Kajfa?
   (Biex jiġbor it-taxxa; Għax ġie arrestat).

3. X'ried jagħmel Kajfa?
   Hu ried (jeħles lil Ġesu`, jikkundanna lil Ġesu` għall-mewt).



## Attivita` 2

**Mingħand Kajfa, Ġesu` mar għand Pilatu u wara għand Erodi. X'imur ma' dawn it-tnejn min-nies?**

### Pilatu



| | |
|---|---|
| Gvernatur | ✓ |
| Jibża' mir-Rumani | |
| Xtaq jeħilsu lil Ġesu` | |
| Qabad jidħak b'Ġesu` | |
| Mhux ħabib ta' Erodi | |

### Erodi



| | |
|---|---|
| Re | ✓ |
| Iħobb ix-xalar | |
| Iħobb lil Ġwanni l-Battista | |
| Iħobb jitlob | |
| Mhux ħabib ta' Pilatu | |

## Attivita` 3

**Niddiskutu u nitolbu**



Il-verità, meta ma nibżgħux ngħiduha, tħalli fina ħafna paċi u ferħ fina.

Sinjur Ġesu`, ______________________________

______________________________________________

# 7.7. Ftit baqa' u tasal!

**Ġesu` fil-passjoni wriena kemm hu ma qatax qalbu, imma li bil-kuraġġ u l-għaqal kollu kompla tiela` sa ma wasal fuq il-Golgota.**

## Attivita` 1

**Għalkemm fit-tbatija, Ġesu` sab ħin biex jikkomunika ma' dawn in-nies. Pingi fejn meħtieġ u ikteb in-numri ħdejn l-istampa t-tajba.**















1. Ikellem lin-nisa.
2. Ikellem lil ommu.
3. Iħares lejn Xmun iċ-Ċirinew.
4. Jitlob.
5. Jiskuża lil-Lhud.
6 Jikkalma lill-ħalliel it-tajjeb.

Attivita` 3

## Niddiskutu u nitolbu



Xi kultant tant inkun irrid min jagħder lili li lanqas ninduna li ħaddieħor għandu bżonn min jagħdru!

Sinjur Ġesu`, kemm nixtieq

______________________________

# 7.8. Mgħallem!

**Wara t-tbatija tiġi l-glorja. U Ġesu` li bata u miet, wara tlett ijiem qam mill-mewt rebbieħ.**



Attivita` 1

Kien l-ewwel jum tal-ġimgħa................
Ikteb veru jew Falz.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Marija Madalena kienet sejra lejn il-qabar. | ✔ | |
| 2 | Magħha kellha lil Pietru. Waslet u sabet il-ġebla mneħħija u Ġesu` ma kienx hemm. | | |
| 3 | Ħarġet tibki ħdejn il-qabar. | | |
| 4 | Ġesu` kien barra, imma hi ħasbitu l-ġennien. | | |
| 5 | Ġesu` sejħilha b'isimha u għarfitu. Qalilha biex tħallih u tmur tgħid lid-dixxipli li hu kien qam. | | |



Attivita` 2

**Ġesu` qam tassew!**

**Kompli l-istorja billi timmarka s-sentenzi wara xulxin.**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Hi sabithom flimkien miġbura għax kienu mbeżża' mil-Lhud. | |
| 2. | Marija Madalena marret biex twassal l-aħbar lill-appostli li Ġesu` qam. | |
| 3. | Pietru u Ġwanni ġrew u waslu ħdejn il-qabar. Iva. Ġesu` kien qam tassew! | |
| 4 | Pietru daħal l-ewwel u sab il-faxex mitwija imma Ġesu` ma kienx hemm. | |

Attivita` 3

**Niddiskutu u nitolbu**



Ġesu` qam biex aħna nkunu nistgħu mmorru l-ġenna.

Ġesu` rebbieħ għinna ____________________

______________________________________

# 8 KULĦADD GĦANDU POSTU



# 8.1 Ngħannulek għanja

**Is-Salmi huma innijiet lil Alla. David kien wieħed minn dawk li kiteb ħafna minn dawn is-Salmi. Salm 23 juri lil Alla bħala r-Ragħaj tagħna.**

Attivita` 1

**Iddiskuti u agħżel.**

1. Fi żmien Ġesu` li tkun ragħaj kienet xi ħaġa (komuni, rari).

2. Kien ikun hemm ragħajja mikrija, jiġifieri dawk li jieħdu ħsieb in-nagħġ (tagħhom, tal-oħrajn).

3. Kienu jqattgħu ħafna ħin (man-nagħġ, id-dar) biex jieħdu ħsiebhom sew.

4. Mhux l-ewwel darba li kienu jidħlu (fil-periklu, fil-paċi) minħabba n-nagħġ tagħhom.

5. Ġesu` huwa (ir-Ragħaj, is-sid) tagħna u aħna (in-nagħġ, l-iskjavi) tiegħu.



## Attivita` 2

**Ġesu` jieħu ħsiebna bħalma r-ragħaj jieħu ħsieb in-nagħġ tiegħu. Sib Salm 23, iddiskutih ma' sħabek u fuq l-istampa niżżel dawk il-kwalitajiet li taħseb li joħorġu minn dan is-salm.**



b'saħħtu

ħanin

jagħti kas

għażżien

jgħin

ħabrieki

iħobb

traskurat

egoist

## Attivita` 3

**Niddiskutu u nitolbu**



Is-Salmi huma poeżiji biex bihom nistgħu nitkellmu m'Alla.

Sinjur Ġesu`, int ir-Ragħaj tagħna

_______________________________________

# 8.2 Hu għadu jmexxina

**Ġesu` bħala bniedem ragħaj m'għadux magħna. Hu ħalla lill-Knisja tiegħu biex permezz tagħha jibqa' jmexxina u jieħu ħsiebna.**

**Attivita` 1** **Kompli s-sentenzi billi tħares lejn l-istampi.**

**Ġesu` huwa r-Ragħaj tagħna u aħna n-nagħġ tiegħu.**

| | |
|---|---|
|  | **1. Biex nibqgħu nħossuna n-ngħaġ tiegħu hu ħallielna ____________________.** |
|  | **2. Il-Kap tal-Knisja huwa l-Papa li joqgħod il-____________________.** |
|  | **3. Il-Knisja għandha s-setgħa li tfisser u tgħallimna ____________________.** |
|  | **4. Insibu knisja tal-ġebel f'kull belt u raħal mmexxija minn ____________________ u mis-saċerdoti.** |

Attivita` 2

Iddiskuti x'inhu x-xogħol ta' dawn. Ikteb in-numru taħt kull stampa.

**Barra l-kappillan u s-saċerdoti hemm nies oħrajn li jgħinu biex fil-Knisja kulħadd ikun moqdi u kuntent.**

1. il-kor tal-knisja • 2. il-ministri tat-tqarbin
3. il-katekisti • 4. is-sagristan









Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Il-knisja hija l-post propju fejn hemm Ġesu`.

Sinjur Ġesu`, ______________________________

______________________________

# 8.3 It-tmexxija tal-Knisja

**Meta wieħed jitgħammed isir parti mill-Knisja li hija msejħa l-Ġisem ta' Kristu. Kristu huwa r-ras tagħha jiġifieri dak li jmexxiha.**

**Attivita` 1** Poġġi l-ismijiet taħt l-istampi.

**Ġesu` jmexxi l-Knisja permezz tal-Papa u l-Isqfijiet. Min huma dawn?**






**Il-Papa Franġisku • L-Arċisqof Pawlu Cremona**
**L-Arċisqof Charles Scicluna • L-Isqof Mario Grech**

Attivita` 2

## Qabbel is-simboli mat-tifsira tagħhom.

**L-Ispirtu s-Santu jagħti d-dawl lill-Papa u lill-Isqfijiet biex imexxuna tajjeb. Immarka u ddiskuti dawk li huma tajbin għax jagħtihom l-Ispirtu s-Santu.**

| | | |
|---|---|---|
| qawwa | | dawl |
| inkwiet | | trankwillita` |
| dwejjaq |  | ġlied |
| imħabba | | egoiżmu |
| kuraġġ | | biki |
| imħabba | | nervi |

Attivita` 3

## Niddiskutu u nitolbu



**Xi kultant insibuha diffiċli biex nagħmlu kif qed jgħidilna Ġesu` permezz tal-Knisja.**

**Spirtu Qaddis** ______________________________

______________________________________________

# 8.4 Il-knisja u l-ħajja tagħna

**Il-knisja hija dak il-post kbir u sabiħ li hemm f'kull belt u raħal. Imma l-Knisja hija aħna li aħna mgħammdin u għandna l-istess Missier.**

**Attivita` 1** Agħżel, iddiskuti u imla bil-kelma t-tajba.

Ewkaristija • ġebel
quddiesa • skiet
Ġesu` • ċelebrazzjoni

Il-knisja tal-________________ hija d-dar propja ta' Alla. Hija post fejn hemm ________________ preżenti fl-________________________.

Hawnhekk irridu nġibu ruħna sew u fis-____________ u bil-kwiet nitolbu u nieħdu sehem f'dak li jkun qed isir. L-isbaħ ________________ li ssir hawnhekk hija dik tal-______________________ .



## Attivita` 2

## Agħżel jekk hux tajjeb jew ħażin

**Meta dħalna fil-Knisja permezz tal-Magħmudija, aħna rċevejna rigal.**

| | | |
|---|---|---|
| 1. Dan ir-rigal huwa l-Ispirtu s-Santu. | | |
| 2. L-Ispirtu s-Santu jiġi fina barra milli fil-Magħmudija, fil-Ġriżma tal-Isqof ukoll. | | |
| 3. L-Ispirtu s-Santu ħa jgħinna bilfors. | | |
| 4. L-Ispirtu s-Santu jgħinna jekk inħalluh. | | |
| 5. Fil-Griżma aħna nsiru membri kbar fil-Knisja. | | |

## Attivita` 3

## Niddiskutu u nitolbu



L-Ispirtu s- Santu dejjem jixtieq li jgħinna imma aħna mhux dejjem inħalluh.

Spirtu s-Santu, ______________________

______________________

# 8.5. X'nistgħu nagħmlu għall-Knisja?

**Bħala Knisja, aħna flimkien mal-Papa u l-Isqfijiet, għandna bżonn li nitolbu biex nibqgħu nersqu lejn Ġesu`.**

Attivita` 1

It-talb mhux dejjem faċli. Ipprova dan li ġej. Qis li żżomm il-kwiet u timmaġina dak li ħa jinqara.

Agħlaq għajnejk.... Ħu nifs fil-fond u b'leħen baxx lissen l-isem Ġesu`... Sib pożizzjoni komda u ġib quddiem għajnejk li tinsab miexi fuq bajja kollha ramel... L-ilma tiela' bil-mod fuq ir-ramel u l-mewġ qed iħabbat ma' saqajk.... Xomm ir-riħa tal-ħaxix tal-baħar u tal-baħar... Tara s-sajjieda qed jippreparaw id-dgħajjes tagħhom biex imorru jistadu, qed iħejju x-xbieki fuq id-dgħajjes tagħhom. Int u miexi, qed tħoss ir-ramel mas-swaba' ta' saqajk... Ieqaf u ħoss dan ir-ramel... Ħares' il barra lejn il-baħar... Hemm dgħajsa żgħira dieħla lejn ix-xatt....Is-sajjied xejjer idejh... Qed ixejjer lilek.....Huwa Ġesu`!! Itlaq iġri biex tiltaqa' ma' Ġesu`.. Ġesu` ferħan ħafna li qed jarak... Qed jitbissem u jgħajjatlek. Ħares lejh sew u għidlu dak li tixtieq...



## Attivita` 2

Iddiskutu ma' sħabek.

1. Kif ħassejtek?
2. Irnexxielek tara dak li kont qed tisma'?
3. Kif kien wiċċ Ġesu`?
4. X'qallek?

## Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



X'taħseb li trid titlob biex il-Knisja ta' Ġesu` tibqa' dejjem dik li twassalna għandu?

Sinjur Ġesu` , ______________________________

______________________________________________

# 8.6 X'jiswa jekk ma nħobbux ?

**Li aħna parti mill-Knisja jfisser li rridu ngħixu u nħobbu bħalma kien jgħix u jħobb Ġesu`.**

## Attivita` 1

**Irranġa dawn is-sentenzi li juru kif għandna ngħixu u x'għandna nwarrbu minn ħajjitna.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Naħfer lil min jagħmilli d-deni. | ✓ | |
| 2. | Inwarrab lir-refuġjati. | | |
| 3. | Ngħin fid-dar kemm nista'. | | |
| 4. | Niskanta u ma noqgħodx attent. | | |
| 5. | Nitkellem bil-ħlewwa. | | |
| 6. | Nitlob kuljum lil Ġesu` biex jgħinni. | | |



## Attivita` 2

Aqra u ddiskuti.

**John kien jgħid li jitlob kuljum billi qabel jiekol irodd is-salib u qabel ma jorqod jgħid Ave Maria lill-Madonna. Imbagħad allaħares tmegħrih għax jissuppervja bil-kbir. Sħabu kienu jiddejqu bih għax tgħidlu kemm tgħidlu dejjem kien jibqa' l-istess.**

1. John kien jitlob sew?

2. Min jitlob sew x'suppost jagħmel?

3. X'suppost li beda jagħmel John?

4. Bir-radd tas-salib aħna nkunu qed insejħu



_______________________________

## Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Meta nibqgħu ma ninbidlux ikun ifisser li mhux qed nikbru.

Sinjur Ġesu`, ______________________

______________________________

# 8.7 San Stiefnu jgħallimna nħobbu

**San Stiefnu tgħallem mingħand l-appostli u hu wera li kien iħobb lil Ġesu` għax dak li tgħallem urieh meta kien il-waqt.**

Attivita` 1

**Agħżel t-tajba.**

1. San Stiefnu kien (appostlu, djaknu).
2. Kien tgħallem iħobb (lil Ġesu`, lilu nnifsu biss).
3. Hu ma riedx (jiċħad, jitkellem) lil Ġesu`.
4. In-nies kaxkruh barra l-belt u qatluh billi (waddbulu l-ġebel, sallbuh).
5. Meta kien qed imut hu (talab, bagħat) għall-għedewwa tiegħu.



## San Stiefnu kien............ u jien?

Attivita` 2

| | |
|---|---|
| San Stiefnu kien jitgħallem fuq Ġesu`. | Jien irrid inbati biex immur il-quddies u nħalli l-logħob. |
| San Stiefnu kien jaqdi lil dawk fil-bżonn. | Jien immur il-katekiżmu biex insir aħjar. |
| San Stiefnu bata biex baqa' ma' Ġesu`. | Jien naħfer u nċedi kemm niflaħ. |
| San Stiefnu ħafer lil min għamillu l-ħsara. | Jien ngħin lin-nanna. |

Attivita` 3

## Niddiskutu u nitolbu



Mhux faċli titbissem lil min ikun għamillek il-ħsara.

San Stiefnu, ______________________________

______________________________________

# 8.8 Il-ħajja tajba tagħna

**Bħala parti mill-Knisja aħna għandna responsabbilta` lejn kulħadd, speċjalment lejn dawk li huma aħwa magħna u qrib tagħna.**



Attività 1 Iddiskuti u pinġi fejn hemm bżonn.

## Inkunu ġenerużi meta

1. Inżommu kollox għalina.

2. Inwarrbu lil min ma jaqbilx magħna.

3. Nirrispettaw lil min hu differenti minna.

4. Nagħtu ħinna biex inkunu mal-familja.

5. Nagħmlu kif jaqblilna.



## Attivita` 2

Iddiskuti u pinġi t-tajba.

| | |
|---|---|
| Il-Knisja hija waħda meta aħna lkoll naraw kif ħa ngħinu lil xulxin. | |
| Il-Knisja hija waħda meta aħna lkoll naraw kif ħa nkunu komdi aħna. | |
| Il-Knisja hija waħda meta nagħtu kas ta' dawk li jiġu minna biss. | |
| Il-Knisja hija waħda meta nagħtu kas ta' dawk li jiġu f'pajjiżna u m'għandhom xejn. | |
| Il-Knisja hija qaddisa meta l-Insara jwarrbu l-ġlied għax jemmnu li Ġesu` qiegħed f'kulħadd. | |
| Il-Knisja hija qaddisa meta l-Insara jiddevertu biss. | |

## Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Meta jiena nagħti milli għandi lill-oħrajn jien inkun qed inħobb u ngħin lill-Knisja.

Sinjur Ġesu`, ______________________________

______________________________

# 9 IL-FAMILJA KBIRA TIEGĦI



# 9.1 L-imġiba tajba tiegħi

**Il-Knisja hija waħda u qaddisa. Tista' tkun hekk jekk aħna nkunu magħqudin u naħdmu biex insiru qaddisin.**

**Attivita` 1** Sib dawn il-kliem (fit-tiftiexa).

**X'nista' nagħmel jien biex il-Knisja tibqa' dejjem aktar waħda u qaddisa?**

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| p | a | ċ | i | v | k | h | t |
| i | m | ħ | a | b | b | a | b |
| i | m | p | e | n | n | ie | a |
| t | w | e | m | m | i | n | t |
| l | e | a | l | t | a` | a | i |
| għ | a | j | n | u | n | a | j |

**Jien sibt.**

1 ______________________ 4 ______________________

2 ______________________ 5 ______________________

3 ______________________ 6 ______________________



## Attivita` 2

Agħżel il-parteċipazzjoni tidher meta:



1. Nisma' biss u ma nitkellem xejn.
2. Nitlob mas-saċerdot waqt il-quddiesa.
3. Nagħti s-sapport tiegħi f'mumenti diffiċli.
4. Niskarta waqt il-quddiesa.
5. Immur nitgħallem u noqgħod attent.

## Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Il-parteċipazzjoni hija mod kif jien inkun magħquda mal-oħrajn.

Sinjur Ġesu`, ______________________________

_______________________________________

# 9.2 Għandi...... M'għandix

**Xi kultant inġibu l-inkwiet u allura nnaqqsu l-paċi u s-serenita` għaliex ma naċċettawx bil-qalb dak li għandna.**

Attivita` 1

**Iddiskuti ma' sħabek dawk l-affarijiet li għandkom, niżżluhom fil-petali u rringrazzjaw lil Alla għalihom.**



## Attivita` 2

Iddiskuti u mmarka.

**Frans kien dejjem jeqred: "Għandi bżonn mobile! Kulħadd għandu mobile u jien m'għandix!" Imma l-ġenituri qalulu biex jieħu paċenzja u jistenna ftit ieħor.**

| | ☺ | ☹ |
|---|---|---|
| 1. Mhux kulma għandhom sħabna jrid ikollna aħna. | ☺ | ○ |
| 2. Il-mobile mhux bżonn li jrid ikollok bilfors. | ○ | ○ |
| 3. Il-ġenituri qed jużaw dixxiplina żejda meta qalulu biex jistenna. | ○ | ○ |
| 4. L-għaqal jitlob li jien nistenna u nieħu paċenzja bil-verita`. | ○ | ○ |
| 5. Naċċetta u nkun ferħana b'dak li għandi. | ○ | ○ |
| 6. Ġesu` qagħad għal dak kollu li San Ġużepp u ommu Marija qalulu. | ○ | ○ |

## Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Biex tkun ferħan trid taċċetta dak li għandek.

Sinjur Ġesu`, ______________________________

______________________________________

# 9.3 Bħal dawk irrid inkun

**Fil-ħajja niltaqgħu ma` nies li lilna jogħġbuna tant, li nkunu rridu nagħmlu bħalhom biex nixbhuhom. Għalina jkunu mudelli biex nimxu fuq il-passi tagħhom.**

Attivita` 1

**Iddiskuti u agħżel it-tajba dwar Madre Teresa.**

a) L-isem propju ta' Mother Teresa kien (Agnes, Angela).

b) Hi kienet mill-(Indja, Albanija).

ċ) Meta kienet għadha żagħżugħa daħlet mas-Sorijiet ta' Loreto fl-Indja u kienet tagħmel xogħol ta' (tabiba, għalliema).

d) Waqt vjaġġ bil-ferrovija hi ħasset lil Ġesù jsejħilha biex tagħti ħajjitha (għall-fqar, għat-tagħlim tad-duttrina).

e) Hi waqqfet komunità ta' sorijiet magħrufa bħala l-Missjunarji tal-(Karità, Fqar).

f) Fl-1979 Mother Teresa ngħatat il-Premju Nobel (għax-Xogħol, għall-Paċi).

ġ) Mother Teresa ddedikat ħajjitha biex tgħin lil dawk li kienu (famużi, mwarrbin).

## Attivita` 2

Qabbel il-persuna ma' dak li kienet tagħmel.

| | |
|---|---|
| Għen ħafna għax sab is-soluzzjoni għall-marda tad-deni rqiq. | Dun Mikiel Xerri |
| Għallem kemm felaħ u fetaħ djar għat-tagħlim. | Dun Karm Psaila |
| Qatluh għax ried li Malta tkun ħielsa mill-Franċiżi. | Adelaide Cini |
| Kiteb ħafna poeżiji sbieħ lil Alla bil-Malti. | Sir Temi Zammit |
| Ħadet ħsieb tfajliet orfni. | San Ġorġ Preca |

## Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Jiena naqdi lill-oħrajn għax inħobb lil Ġesu`.

Sinjur Ġesu`, ______________________________

______________________________

# 9.4 Organizazzjonijiet ta' għajnuna

**Biex il-familja l-kbira tkun tista' tgħix sew, għandna xi organizazzjonijiet li jgħinu lil min ikollu bżonn.**

**Attivita` 1** Agħżel liema organizazzjoni toffri l-aktar dan li ġej.

1 Aġenzija li toffri għajnuna lil min ibati mid-droga u x-xorb.

2 Aġenżija li toffri sapport lit-tfal u lill-familji li għandhom bżonn protezzjoni.

3 Organizazzjoni tal-Knisja li toffri għajnuna lil min ibati mill-abbuz tad-droga u lill-familji.

☐ Caritas MALTA

☐ sedqa

☐ APPOĠĠ Għat-Tfal, Familji u l-Kommunità

Iddiskuti u qabbel ma' fjura jew ma' ġebla.

## Attivita` 2

Ġesu` jidher f'kull bniedem, sew jekk b'saħħtu, sew jekk marid. Dawn l-organizazzjonijiet joffru għajnuna PROFESSJONALI biex jgħinu lil dawn in-nies jerġgħu jsibu t-triq.

| | |  |  |
|---|---|---|---|
| 1. | Meta int ssawwat lil xi ħadd, int qisek.... | ✓ | |
| 2. | Meta int tinkuraġġixxi lil xi ħadd, int qisek.... | | |
| 3. | Meta tieħu l-għajnuna, għax xi ħadd, qed iservi ta' bully, int qisek..... | | |
| 4. | Meta fil-familja hemm il-ġlied u t-tbatija u int tiftaħ qalbek biex ikollok l-għajnuna, int qisek... | | |
| 5. | Meta tagħmel dejjem kif jgħidulek il-ħbieb, int qisek....... | | |

## Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Meta tara li xi ħadd għandu bżonn għajnuna professjonali hemm bżonn li tagħmel xi ħaġa.

Sinjur Ġesu`,______________________________

______________________________

# 9.5 Il-parabboli ta' żmienna

**Ġesu` spiss kien iħobb jirrakkonta l-istejjer imsejħin parabboli waqt li jkun qed jgħallem lin-nies. Permezz tagħhom Ġesu` kien dejjem iwassal xi tagħlima importanti.**

**Attivita` 1** Iddiskuti u agħżel.

## Dawn huma parabboli ta' żmienna

**James kien tifel li ma tantx kien bravu fl-iskola. Ma tantx kien jifhem meta l-għalliema tispjega. Ġieli sħabu daħku bih. Il bieraħ meta wasal id-dar qal lil ommu: 'Illum xi ħadd beda jgħajjarni fil-bitħa, imma jien bqajt għaddej, qisu ma kien qed jiġri xejn'.**

1. James kien tifel (bravu, stupidu) għax (baqa` għaddej, ma tax kas).
2. (Ma jfissirx, Ifisser) li min mhux tant bravu fl-iskola hu stupidu.
3. Irrid nifhem li (mhux kulħadd, kulħadd) hu tajjeb għall-istess ħaġa.
4. Meta baqa' għaddej ma jfissirx li ma tax kas imma jfisser li ddeċieda li (jaħfer, jirrabja).



Attivita` 2

Iddiskutu ma' sħabek.

In-nannu kien qiegħed bilqiegħda ħdejn Manuel. Dan staqsieh, "Nan, Alla jeżisti?" Għax jien qatt ma rajtu. Int rajtu?" In-nannu wieġbu,.."Jien qatt ma rajtu imma nemmen li jeżisti. Ir-riħ qatt ħadd ma rah, imma nafu li qiegħed hemm. Ħares lejn is-siġar u l-weraq kif jiċċaqilqu u jaqgħu, it-trab kif itir! Lil Alla ma narawhx imma nħossu l-effetti ta' dak li għamel."

baħar • Missier • fjuri • ~~temmen~~ • madwarna

1 Li tkun temmen ______ ifisser li taċċetta dak li ħaddieħor qed jgħidlek.

2. Alla jidher fl-ambjent ta' ______.

3. Narawh fl-ambjent ta' ġol-______ fil-ħut u l-ħxejjex kollha.

4. Is-sbuħija tal-______ turina li hemm xi ħadd li jieħu ħsieb kollox.

5. Ġesu` qalilna li Alla hu ______ ta' kulħadd.

Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Alla tana dak kollu li naraw madwarna.

Sinjur Alla, Missier tagħna ______

______

# 9.6 M'għamel xejn b'dak li kellu

**Fi żmien Ġesu`, talent kien munita tiswa ħafna. Fil-parabbola tat-talenti naraw kemm hu sabiħ li aħna nużaw dak li għandna. Dan ikun juri kemm aħna napprezzaw dak li Alla għamel għalina.**

**Attivita` 1** Iddiskuti l-istorja tat-talenti u pinġi l-istampa.



## Attivita` 2

Inkun nixbah lil dawk li ħaddmu t-talenti tagħhom meta.....




## Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Kollha għandna affarijiet sbieħ. Irridu napprezzaw lil xulxin.

Sinjur Ġesu` , ______________________________

______________________________

# 9.7 L-għemejjel tal-ħniena li jolqtu l-ġisem

**Ġesu` jgħallimna li aħna għandna nħennu u ngħinu lil kull min ikun fil-bżonn. Aħna nistgħu nagħmlu dan billi ngħinuhom fil-ħwejjeġ li jolqtu l-ġisem.**

**Attivita` 1**

**Qabbel kolonna m'oħra biex tifforma sentenzi billi tikteb l-ittra fil-kaxxa t-tajba.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| a | Għandna naqsmu mal-oħrajn ... | | ..marid jew jinsab l-isptar. |
| b | Ngħinu lill-oħrajn biex ikollhom ħwejjeġ ... | | ... huwa ġdid fil-grupp u ma jaf lil ħadd. |
| ċ | Inżuru lil min hu | | ... lil xi anzjani li jkollhom bżonn l-għajnuna. |
| d | Nilagħbu ma' min ... | | ... x'jilbsu u affarijiet biex jilagħbu. |
| e | Naqdu ... | a | ... l-ikel u x-xorb li jkollna. |
| f | Nagħmlu ħbieb ma' min ... | | ... narawh waħdu jew imdejjaq. |

Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi li qal Ġesu`.

Attivita` 2



żgħar • miegħi • ħniena

jħennu • Henjin • tagħmlu

a) Dak li ____________ ma' wieħed minn dawn iż-____________ ħkunu qed tagħmluh ______________.

b) ______________ dawk li ______________ għax huma jsibu __________________.

## Attivita` 3

Niddiskutu u nitolbu



Il-ħniena hija xi ħaġa sabiħa ferm.

Għinni Ġesu`, biex ________________

________________________________

# 9.8 L-għemejjel tal-ħniena li jolqtu r-ruħ

**Ġesu` jgħallimna wkoll li għandna nuru ħniena mal-oħrajn mhux biss billi nagħtu xi forma ta' karità imma wkoll billi nwissu lil xi ħadd, naħfru u nieħdu paċenzja.**



## Attivita` 1

**F'kull waħda minn dawn is-sentenzi agħmel sing taħt il-kelma jew il-frażi t-tajba.**

1. Nikkoreġi (bil-ħlewwa, bir-rabja) lil min jiżbalja.

2. (Inpattiha, Naħfer) lil dawk li jagħmluli d-deni.

3. (Nibda ngħajjat, Nieħu paċenzja) meta xi ħadd idejjaqni.

4. Nitlob lil Alla għal (kulħadd, min irrid biss).

5. Nagħti eżempju tajjeb (meta jaqbilli, dejjem) u kullimkien.



## Attività 2

X'għandhom jagħmlu dawn it-tfal f'dawn is-sitwazzjonijiet? Ara l-eżempju.

a) In-nanna ta' John tinsab marida d-dar.
John għandu jmur iżurha u jara għandhiex bżonn xi ħaġa.

b) Sam sar jaf li ħabibu għaddej minn inkwiet fil-familja.
Sam għandu ______________________________

ċ) Il-ħabiba ta' Maya tinsab imdejqa għax mitilha l-kelb.
Maya għandha ______________________________

d) James qal gidba fuq Peter.
Peter għandu ______________________________

e) Il-ġara ta' Mark ġabet ġeru li l-ħin kollu jinbaħ u ma jħallihx jorqod. Mark għandu ______________________

## Attività 3

Niddiskutu u nitolbu



Kieku nikkorreġu bil-ħlewwa lil xulxin inkunu ferm aħjar.

Ġesù, agħtini

______________________________



**L-isem ta' dan ir-raba' ktieb – Biex Naslu Flimkien – juri dan b'mod ċar li aħna lkoll ġejjin minn ambjenti differenti u allura ngħaddu minn esperjenzi differenti. Dawn l-esperjenzi huma kollha sbieħ u tajbin. Jekk nagħrfu ngħixuhom sew, iservuna biex nikbru, aħna u nsebbħu l-ambjenti li nkunu fihom.**



ISBN 978-99957-839-8-3

978-99957-839-8-3

segretarjat għall-katekeżi